

G.B.-Bell & Howell

now bring you the wonderful '624' 8mm Cine Camera

Setting dial automatically sets the lens . . . picture window viewfinder gives life size picture of scene being filmed . . . 3-way starting button—normal run, single frame, continuous lock run . . . wide angle 10 mm f/2.3 lens . . . footage counter . . . ultra-simple threading . . . long film run.

and the perfect companion

The G.B.-Bell & Howell 500 WATT

Model '625' 8 mm Projector

- Beautifully styled
- Clear, brilliant, sharp pictures without effort
- Brilliant 500 watt illumination
- f/1.6 colour-corrected lens
- Error-proof threading
- 400 ft. spool capacity
- Plugs directly into A.C. Mains



General Sales Co., 48 Kingsway, Valetta


L-Università ta' Malta




# GUBLEW TAD-DEHEB

# 1907 - 1957

L-Università ta' Malta

Main Library

Class Mark

No. of Volumes

Remarks




THE PARNALL ELECTRIC WASHER

1 A week's family laundry—washed, rinsed and wrung in an hour
2 Flexible hose fits any tap for easy filling
3 Electric pump empties washer in 80 seconds
4 Power-operated wringer sets to any pressure
5 Wringer's safety release bar works instantaneously
6 Takes 5½ lb. dry clothes at a time in 7 gallons of water
7 All metal parts specially treated to prevent rust. No need to oil anything
8 Exceptionally handsome appearance
9 Easy-glide castors
10 Power Wringer stows inside Washer Cabinet

MUSCAT General Stores

15, KINGWAY — VALLETTA

PHONE: CENT. 5286

SOC. FIL. "LA VITTORIA" MELLIEHA A.D. 1907

# GUBLEW TAD-DEHEB

# 1907 - 1957

Donated to
The University of Malta Library
by the family of
Dr Joseph Bartolo BA, LLD
2019

Stampat fl-"EMPIRE PRESS" — 266, Triq San Pawl, Il-Belt.

## "LA VITTORIA"

Imbierka dawk missirijietna,
Li ħamsin sen'ilu ħajja tawk;
Il-lum intom fi ħsibijietna,
Għax sa mill-bidu b'dan ismek stmawk.

Aħn'uliedek taħt dellek kbirna,
Sa minn żgħuritna ħsiebna biss fik,
Aħna lkoll biċċa minnek sirna,
Kull ibnek lest biex ħajtu itik.

Għaqda rriduk qawwija daqs sur,
Dejjem ħienja, dejjem ferrieħa,
B'kull barka u sliem donnok trid tfur,
Glorja u unur tal-Mellieħa.

Aħna l-lum nagħmulek wegħda,
Biex ta' niesek tibqa' tkun glorja,
Li minnek qatt ma nkunu mbegħda
Maħbuba Banda "La Vittoria".

JOSEPH STELLINI.





## KELMTEJN TA' QABEL



**DR. GEORGE ZAMMIT,**
**B.A. (Lond.), LL.D.**
**PRESIDENT**

Min jagħti daqqa ta' għajn lejn l-istorja ċivili ta' dawn il-Gżejjer ma' tul l-aħħar seklu, għandu jagħraf kemm swew is-Soċjetajiet Filarmoniki bħala fattur fit-tiswir tal-ħajja Reliġjuża, Politika u Ċivili tal-poplu tagħna. Il-Każin, għan-nies ta' l-ibliet u ta' l-irħula tagħna, huwa dak li kien il-'FORUM' għar-Rumani. Fil-Każin wieħed jiltaqa', jitħadded, jisma' u jesprimi opinjonijiet, jeduka u jirraffina s-sentimenti u l-kultura tiegħu permezz ta' l-Arti divina tal-Mużika, tant jekk jieħu parti bħala Bandist, kemm bħala Ammiratur jew Sostenitur tal-Banda.

Is-Soċjetà Filarmonika "LA VITTORIA" għandha l-unur li tkun l-ewwel waħda li twaqqfet f'dan ir-raħal. Tista' tgħid li twieldet mal-Knisja Parrokkjali, li dak iż-żmien kienet għadha kif tlestiet. U peress li t-Twelid ta' Ommna Marija lilna l-Maltin ifakkarna f'jum ir-Bebħa tagħna fuq it-Torok fl-1565 tant li l-Granmastru La Valette ried li din il-festa tissejjaħ il-Festa ta' Sidtna Marija tal-Vittorja — il-Fundaturi ta' din is-Soċjetà riedu jsemmuha "LA VITTORIA", biex isimha jkun l-isem tat-Titular tal-Parroċċa li fiha twieldet, għaliha ħadmet, id f'id magħha dejjem imxiet.

F'dan il-jum li fih qegħdin niċċelebraw l-ewwel nofs seklu ħajja tas-Soċjetà tagħna, insellmu minn qalbna lis-Soċjetajiet l-oħra tant tal-Mellieħa kemm tal-bqija atl-Gżejjer tagħna.

Jalla kulħadd, bħalna, ikollu għal qalbu l-ġid Spiritwali u l-Progress Ċivili tal-Maħbubin Gżejjer tagħna, imħarsin minn Ommna Marija li għoġobha tagħżel Għar fil-Mellieħa bħala l-ewwel Santwarju Tagħha f'Malta.

IL-PRESIDENT.

# SCICLUNAS BANK

(AFFILIATED WITH THE NATIONAL BANK OF MALTA)

ESTABLISHED 1830

The Bank with over a century old tradition

of a Service which is adaptable, individual

and complete

PALACE SQUARE VALLETTA


## IT-TWELID TAL-BANDA VITTORIA

It-tmienja ta' Settembru hu ta' kull sena jum ta' ferħ kbir għall-poplu tal-Mellieħa għax fih jiċċelebra l-festa ta' Marija Bambina, li minn dejjem kienet il-Patruna ta' raħal twelidna. Iżda t-8 ta' Settembru ta' l-1907 kien jum ta' ferħ straordinarju għax f'din is-sena memorabbli, barra t-tifkira tat-Twelid ta' Marija Bambina, kien tifkira wkoll ta' twelid ieħor — it-twelid tal-Banda "La Vittoria", il-Banda ewlenija tar-raħal, li daqqet l-ewwel marċi u programm tagħha f'din id-data, fost id-delirju ta' ferħ tan-nies kollha tal-Mellieħa.

## IT-TWAQQIF TAĊ-ĊIRKOLU U L-BANDA VITTORIA

Is-Soċjetà "La Vittoria" kellha l-bidu tagħha fis-sena 1906 meta xi nies patrijotti Melleħin għamlu ħilithom biex fir-raħal ikollna Banda. Fost dawn nistgħu nsemmu bħala fundaturi ewlenin tagħha lil Giovanni Vella "Ta' l-Abjad", lil Salvatore Grima "Ta' Xandru", lil Francesco Bonello "Ta' Saver", lil Giuseppe Muscat "L-Iskarpan", lil Angelo Abela "Tat-Tork".

L-ewwel ħsieb li fil-Mellieħa titwaqqaf banda kien wisq qabel l-1906, iżda billi l-Melleħin kienu għal kollox okkupati bil-bini tal-Knisja l-Ġdida ma riedux jaħdmu wkoll għall-Kazin tal-Banda biex bl-ebda mod ma jnaqqsu l-ħidma għall-bini tal-Knisja.

Wara li l-Knisja kienet lesta l-idea tal-Banda mxiet 'il quddiem sewwa u din id-darba l-wisq maħbub Kappillan Dun Franġisk Magri mhux biss aċċetta t-twaqqif tal-Banda imma wkoll tahom il-Barka tiegħu biex ikunu jistgħu jirnexxu fil-għan tagħhom u jkollna fir-raħal mhux biss it-tempju monumentali li kien għadu kif tlesta iżda wkoll Banda kbira.

## TINKERA L-EWWEL DAR GĦALL-KAŻIN

L-ewwel dar li krew biex fiha tiltaqa' s-Soċjetà Vittoria kienet id-dar Nru. 4 fil-Pjazza tal-Parroċċa, mingħand Dun Vinċenz Scicluna. Kien f'din id-dar li s-Soċjetà ltaqgħet l-ewwel darba u fiha bdew jingħataw l-ewwel lezzjonijiet lill-allievi mill-ewwel Surmast tal-Banda Carmelo Doneo li kien jiġi s-Sibtijiet u l-Ħdud biex jgħallem b'ħerqa kbira u b'paċenzja ikbar.

Is-Soċjetà ma damitx wisq f'dan il-Każin għax kien żgħir wisq biex jilqa' Soċjetà li ta' kuljum kienet tikber.

Il-Kumitat talab lis-sid Dun Vinċenz biex jara kif jagħmel u jibdlilhom dan il-post ma' ieħor qribu u wisq ikbar li kien joqgħod fih il-qassis stess. Billi Dun Vinċenz kellu l-Banda għal qalbu ikkuntentahom u tahom id-dar Nru. 7 fil-Pjazza tal-Parroċċa kif xtaq il-Kumitat u qallhom li xħin iridu jistgħu jġorru għad-dar il-ġdida. Din id-dar kellha tkun is-Sede taċ-Ċirkolu Vittoria għal mhux inqas minn 17-il sena.

# C. BONNICI MALLIA

17, St. Christopher Street,
VALLETTA.

IMPORTERS - EXPORTERS - MERCHANTS
COMMISSION & INSURANCE AGENTS.

Pharmaceutical Preparations, Perfumery, Cosmetics
Confectioners, Machinery, Textiles,
Silver and E. P. N. S. Goods.

**THE**
# A. B. C.
PHOTOGRAPHIC DEPARTMENT
SOUTH STREET — VALLETTA

has the latest Kodak equipment in Malta,

Our Developing System works on
time and temperature, therefore films
are untouched by hand.

We can Develop Thousands of Films,
Strictly Next Day Service.

FIRST CLASS ENLARGEMENTS.


B'dik id-deċiżjoni ta' Dun Vinċenz ferħu ferm u dik il-lejla stess malajr malajr, ġarrew kollox fid-dar il-ġdida. X'iġorru ma kellhomx wisq għax ħlief mejda jew tnejn, ftit siġġijiet, xi żewġ kwadri u xi karti tal-lezzjonijiet tal-mużika ma kellhomx. L-iżjed ħaġa għażiża li ħadu magħhom minn post għall-ieħor kien isem is-Soċjetà. "Circolo Filarmonica La Vittoria" għax hekk kien tgħammed il-Każin il-ġdid tal-Banda kif sejrin naraw.

## KIF HA ISMU L-KAŻIN

Fl-ewwel Seduta li kienet saret, fl-ewwel lokal tal-Każin kienu ddiskutew l-isem li kellha tieħu s-Soċjetà. Kienu ġew proposti xi tliet ismijiet u billi ma qablux ma kien ġie magħżul l-ebda wieħed.



IN-NUTAR LUIGI GAUCI FORNO
FUNDATUR U L-EWWEL PRESIDENT TAS-SOĊJETA'

# MUSICAL INSTRUMENTS

BRITISH

FRENCH

ITALIAN

GERMAN

CZECH

**THE BEST**

FROM

## E. LUCIA & SONS

KINGSWAY

PHONE 4933.




GIOVANNI VELLA



FRANCESCO BONELLO



GIUSEPPE MUSCAT



SALVATORE GRIMA



ANGELO ABELA

KINGSWAY PHARMACY

291, KINGSWAY, VALLETTA

*Sole Distributors of:*

FORTIPHONE HEARING AID

LEADING STOCKIST OF

ALL HIGH CLASS PERFUMES

AND TOILET PREPARATIONS.

PHONE: 4155.

Il-President, in-Nutar Luigi Gauci Forno, magħruf minn kulħadd bħala s-Sur Ġiġ, qal lill-Membri l-oħra tal-Kumitat li kien fi ħsiebu jitkellem fuq hekk mal-wisq maħbub Kappillan tal-Parroċċa Dun Franġisk Magri. Hekk sar u bejn dawn it-tnejn intgħażel isem mhux biss li ntgħoġob iżda wkoll seraq qalb kulħadd.

Dan l-isem kien bħal ma ġa għedna "La Vittoria" aktarx mogħti mill-Kappillan innifsu u malajr tifhem il-għala l-Kappillan għażel dan l-isem. L-istess Kappillan li kien għadu kemm bena l-Knisja l-Ġdida u bniha qrib is-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa biex fir-raħal ma ssir ebda firda, xtaq jagħti dan l-isem ta' "La Vittoria" lill-Każin ukoll biex bejn din is-Soċjetà ġdida u l-Knisja, li t-Titular tagħha hi l-festa tat-Twelid ta' Marija Bambina jew kif aktarx insejħulha l-Vitorja, issaltan għal dejjem il-paċi u l-għaqda.

Tant intgħoġob dan l-isem li kellhom seba' mitt sena biex ixandruh ma' kullimkien u għalhekk malajr ordnaw bandiera kbira bl-arma tal-Banda u fuqha miktub b'ittri kbar: "Circolo Filarmonica La Vittoria" biex tidher tperper fuq il-bejt tal-Każin f'xi okkażjoni ta' festa.

Dan ma kienx isem li għoġob lil ftit nies għal ftit żmien iżda għall-kuntrarju isem li seraq qalb il-Melleħin kollha għal dejjem. Il-lum dan l-isem ħelu ma jidhirx biss iperper fuq id-drapp ta' xi bandiera jew bandalora iżda jinsab imnaqqax fil-qlub tagħna l-Melleħin, anki fi qlub ħutna 'l bogħod minna li jinsabu msiefra fl-Amerika, fl-Awstralja u postijiet oħra li hekk kif jisimgħu dan l-isem jimtlew bil-ferħ u taqbżilhom demgħa

## L-ISTRUMENTATURA

Il-għażla ta' l-isem kien pass ġmielu 'l quddiem fl-istorja tal-Każin. Infatti ftit wara li ntagħżel l-isem ħasbu biex jaraw kif jagħmlu u jixtru strumentatura ġdida li għaliha kienet tinħtieġ somma ġmiela ta' flus. Mill-finanzi s-Soċjetà kienet nieqsa ferm għax dik il-ħabta l-qliegħ tal-flus kien għajjien wisq. Trid tqis ukoll l-isforz kbir li kienu għadhom kif għamlu l-Melleħin biex bnew it-tempju ġdid.

Fost il-Kumitat kien hemm min ried li l-ewwel jinġabru l-flus u wara jordnaw l-istrumenti. Oħrajn kienu tal-fehma li jordnawhom u wara jitħallsu ftit, ftit. Billi kienu mgħaġġlin biex jaraw il-Banda armata għaddiet ta' dawn ta' l-aħħar.

Il-President, in-Nutar Luigi Gauci Forno, indaħal biex isib Aġent ta' l-istrumenti li jkun irid iforni l-istrumenti mingħajr ħlas mal-kunsinna. Dak iż-żmien din kienet daqsxejn diffiċli. Sab lil ċertu Spiridione Zammit imwieled il-Belt Valletta u li kien joqgħod Tas-Sliema li kkuntenta b'dan il-ftehim li jordna l-istrumenti u jitħallas wara.

## L-ATT TAX-XIRJA

Fil-31 ta' Lulju 1906 dehru quddiem in-Nutar Giuseppe F. Bencini, li kellu l-uffiċċju tiegħu Nru. 226 Strada Mercanti, il-Belt Valletta, is-Sur Francesco Saverio Bonello (Ta' Saver) u Giovanni Vella (Ta' l-Abjad) flimkien ma' l-imsemmi Spiridione Zammit fejn dan obbliga ruħu li jforni l-istrumenti għall-għaqda ġdida "Vittoria" tal-Mellieħa bi prezz totali ta' £144. 6s. biex jinxtraw 47 strument fosthom il-batterija u l-platti. L-ogħla prezz kienu ż-żewġ klarini baxxi li kull wieħed sewa £11 u l-orħos l-ottavin li qam 11s.

**DON'T TAKE CHANCES TAKE PICTURES ...YOU GET PICTURES**

**ON Gevaert ROLLFILMS**






**Do your work the profitable**

**"M U N D L O S" Way**

**by using**

**Model SUPER ROBOT**

*This remarkable Machine Does;*

Quilting, Pin Tucks, Overedging, Bar Tacking, Buttonholing, Hemstitching, Monogramming, Cording Work, Button Sewing, Rolled Hemming, Finished Edges, Blind Stitching, Darning and Mending, Perforated Embroidery, Zigzag and Straight Sewing, Fancy Stitches and Designs, Joining and Abutting Lace, Embroidering & Raised Embroidery, & it Carries a Lifetime Guarantee.

**M U N D L O S**

**114, Archbishop St., Valletta Malta**

**Phone Central 5317**

Francesco Bonello u Giovanni Vella għamlu garanzija ta' din is-somma li minnha kellhom jitħallsu £28 mal-kunsinna ta' l-istrumenti u l-bqija jitħallsu tant fix-xahar wara.

Il-kunsinna ta' dawn l-istrumenti kellha ssir, kif fil-fatti saret, fil-Każin stess tal-Banda li ġġib l-isem "La Vittoria".

Skond dan l-att l-istrumenti ta' l-injam kellhom ikunu ta' l-aqwa kwalità tad-ditta "Claire Bellisaire" u dawk tar-ram tad-ditta "Pellison & Co."

Żammew ukoll il-patt li dawn l-istrumenti kellhom ikunu fi stat perfett u kull strument suġġett għall-prova ta' ħmistax-il jum.

Biex ikun iżjed fis-sod is-Sur Zammit ried ukoll li l-President jagħmel tajjeb għal Francesco Bonello u Giovanni Vella u s-Sur Wiġi Gauci Forno qagħad għal din il-kondizzjoni wkoll.

L-att jispiċċa bix-xhieda ffirmati hekk: Not. L. Gauci Forno, F. Bonello, Spiridione Zammit, G. Vella, G. Tortell, Giuseppe F. Bencini.

Dik il-lejla Ċikku, Ġanni u s-Sur Ġiġ marru l-Każin kollha ferħana u mkabbra b'dak li kienu għamlu għand in-Nutar Bencini. Wieħed jista' jaħseb x'ferħ xħin ħabbrulhom li l-istrumenti kienu ordnati, li kellhom ikunu ta' l-aqwa kwalità u li għandhom jaslu kmieni kemm jista' jkun.

Il-lezzjonijiet li kienu sejrin tajjeb ferm issa saru iktar imħeġġin. Fost l-istudenti issa qamet bħal pika min minnhom ser jieħu l-istrument l-ewwel u kemm sejjer ikun bravu u kapaċi għall-istrument.

M'għandniex xi ngħidu din il-pika kienet tajba wisq u għenet biex kollox mexa 'l quddiem b'ħerqa u għaġġla kif xtaq is-Surmast Doneo.

## JASLU L-ISTRUMENTI

Għaddew ftit xhur u l-istrumenti waslu. Hekk kif il-Kumitat irċieva l-avviż minn għand l-Aġent malajr ordna biex l-għada stess imorru għalihom. Ġabuhom fuq il-karrettuni u daħħluhom il-Każin magħluqin fil-kaxxi għax bħal ma ġa għedna kellhom jinfetħu fil-Każin li allura kien fid-dar Nru. 7 fil-Pjazza.

Jekk l-allievi kienu ferħu qabel għall-aħbar li l-istrumenti kienu ordnati kemm ferħu iżjed din id-darba xħin kienu jaraw l-istrumenti ġodda ħerġin mill-kaxxi u kull bandist mal-ferħ żied ftit ta' l-ansjetà meta f'qalbu qal: "Min jaf liema sejjer ikun tiegħi?"

Il-Kumitat ħaseb għal kollox u biex kollox isir bil-ħaqq u s-sewwa saret ix-xorti għal kull strument u kull bandist ħa miegħu d-dar l-istrument li messu.

Salvu Grima ma feraħx daqs sħabu għax ħabat li sieħbu Francesco Bonello dik il-ħabta kien nieqes minn Malta għal ftit taż-żmien u kawża t'hekk qagħdu jistennew sa ma ġie biex għamlu x-xorti bejniethom. Però Salvu kien kuntent b'dan għax għad li hu kien membru fil-Kumitat hu l-ewwel wieħed li ried li jsir hekk. Dan la kien l-ewwel u lanqas l-aħħar sagrifiċċju personali li għamel Salvu għas-Soċjetà Vittoria.

Minn dik il-lejla stess li tqassmu l-istrumenti fil-Mellieħa saret bidla kbira. Dak iż-żmien il-Mellieħa ma kenitx kif sibniha u nafuha illum aħna. Ħtija tal-bogħod u tan-nuqqas biex wieħed jivvjaġġa r-raħal kien maqtugħ għalih u kienet tirrenja l-monotonija li issa tfarrket jew ta' l-inqas naqset sewwa meta dawk is-sebgħa u erbgħin strument imqassma ma' l-erbat irjieħ tar-raħal bdew isemmgħu leħinhom meta s-sidien tagħhom wara ġurnata xogħol iebes kienu jgħaddu sigħat sħaħ mil-lejl jitħarrġu fid-daqq ta' l-istrument.

Always insists on BLUNDELL'S

"PAMMASTIC"

The world's best Plastic Emulsion Paint (P.V.A.)

FOR INSIDE & OUTSIDE USE.

*Agents*:

JOSEPH S. CARUANA & SONS

9/11 Victoria Gate,

MARINA — VALLETTA

Phone C. 4860.

THURSTON

(Established 1799)

**Parent House of The Billiard Trade**

Inventors of all the real and Permanent improvements in Billiards

**The Stanfast Cushions**

**Never lose speed-Permanently fast**

All important records both Amateur & Professional have been made with the aid of "Stanfast" Cushions.

**West of England cloth**

*Only the best and finest available at the most moderate prices.*

Cues, Chalks, Rests, Rules, Skittles, Spirit Levels, Butts, Chalk, Brushes, Suspenders, Covers, Clocks, Marking board Irons, Racks, Championship balls, "All games" Pockets, Spots, Triangles, Tips, Wafers, Shades.

**"MERIDIAN" 185, Old Bakery Str.-Valletta.**

## IL-KUNĊERTI

Is-Sibt fil-għaxija fid-dawl tal-lampi tal-pitrolju u l-Ħadd fil-għodu fid-dawl tax-xemx kienu jiltaqgħu l-bandisti kollha għall-kunċert u s-Surmast Doneo jrid itir bil-ferħ, għad li xi tbaqbiqa ma kenitx tonqos, jikkorieġi u jgħallem imdawwar mhux biss bil-bandisti iżda b'numru ikbar ta' l-imseħbin tas-Soċjetà kollha ferħana u mkabbra bil-Banda ġdida tagħhom.

Il-progress tal-Banda kien kbir ħafna. Barra minn studju ta' kull jum bl-istrument il-bandisti kienu jattendu għall-kunċerti b'regolarità kbira tant li ġie li kien hemm xi ħadd li kien ikun marid għax-xogħol u qawwi u sħiħ għall-kunċert. Ħadd ma kien iger-ger għax wara ġurnata xogħol aktarx fir-raba', kien irid jgħaddi sigħat għall-kunċert bil-wieqfa u jifni għajnejh fid-dawl fqir tal-lampa tal-pitrolju. Dan l-ispirtu ta' sagrifiċ-ċju ried ikun biex il-Banda Vittoria mxiet 'il quddiem hekk malajr.

Dan is-sagrifiċċju l-Bandisti kienu lesti għalih mill-ewwel, minn meta aċċettaw li jħallsu l-flus ta' l-istrumenti għax £144 ta' dak iż-żmien m'għandhom x'jaqsmu xejn ma' l-istess somma fi żmienna.

## BIDLA KBIRA FIŻ-ŻMIEN

Dak iż-żmien kien ikollu xorti min jaqla' skud kull jum u nistgħu ngħidu li b'dan il-kalkolu dik is-somma llum taħbat daqs £1,731. Biex wieħed jifhem kemm tbiddel iż-żmien hemm bżonn immorru lura bil-ħsieb għal meta ntrama l-Każin u l-ewwel snin ta' wara. Insemmu xi eżempji. Għall-festa tal-Vitorja ta' l-1910 l-inkarigati mill-ġbir ġabru s-somma ta' £1. 17s. 3d. li kienu biżżejjed biex armaw, dawwlu, sparaw u xegħlu l-gassijiet. Mur għidilhom li dik is-somma fi żmienna kellha tinbidel f'mijiet ta' liri. Fl-4 ta' Diċembru ta' l-1921 il-Kumitat wasal fi ftehim ma' Ġużeppi Gauci, tal-Kokin, li jieħu l-bottegin 1s. 6d. fis-xahar. Aktarx li l-ftehim ma sarx bis-sena biex is-somma ma tidhirx kbira. Minn reġistru ta' l-1910 insibu żewġ eżempji ċari f'din il-bidla kbira fiż-żmien. F'Lulju ta' dik is-sena saret bandiera biex meta titla' fuq il-bejt tkun tfisser li f'dik il-lejla hemm kunċert. Din saret bi spiża ta' 6½d. U f'Awissu ta' l-istess sena sar tratteniment ta' whisky u gallettini għall-bandisti wara li spiċċaw minn programm b'nefqa ta' 2s. 6d.

La qegħdin insemmu xi ħaġa biex nifhmu kemm tibdil sar f'dawn il-ħamsin sena tal-ħajja tal-Banda rridu nsemmu wkoll li biex il-Banda daqqet programm fil-Wardija għall-festa tal-Madonna ta' l-Abbandunati f'Lulju ta' l-1911, kellhom jikru sitt kar-rettuni bix-1s. 9d. il-wieħed għat-trasport tal-bandisti. X'differenza mill-kumdità ta' żmienna!

Ħaġa waħda ma tantx tbiddlet minn dak iż-żmien għal-lum li hi l-imħabba tal-bandisti għall-Banda u kawża ta' din l-imħabba s-sagrifiċċji li l-bandisti kienu lesti għa-lihom sa minn l-ewwel żminijiet tal-ħajja tas-Soċjetà sal-lum.

## INKWIET GĦAS-SURMAST

Biex nirreġistraw sewwa t-twaqqif u l-progress tal-Banda Vittoria jkollna nerġgħu mmorru għal Awissu ta' l-1907. Sa hawn il-Banda qatt ma kienet daqqet barra. Xi ħadd, mhux mill-Mellieħa, xewwex lill-bandisti u qalilhom li mhux sewwa li l-Banda ma ddoqq qatt barra. Sa kitbilhom xi ħaġa tal-mużika biex, mingħajr il-permess tas-Surmast, idoqquha barra.

VULCAN GLOSSEX PAINT

FIRST CLASS SYNTHETIC BRUSH PAINT

For Indoor & Outdoor use

*Trade Enquiries*:

MESSRS JOE SCICLUNA

171, Eucharistic Congress Road,

MOSTA.

THE BRITISH SEAGULL

THE BEST OUT BOARD MOTOR IN THE WORLD

*Agents*:

MESSRS JOE SCICLUNA

171, Eucharistic Congress Road,

MOSTA.

Iżda s-Surmast Doneo, bħas-Surmastrijiet l-oħra kollha li ħadu postu fid-direzzjoni tal-Banda tagħna, kien wisq imkabbar b'din il-Banda novella tiegħu u ried li ma ddoqqx fil-pubbliku qabel ma l-Banda tkun tista' tagħmel isem kif xtaq u ried hu. Is-Surmast flimkien mal-Kumitat iddeċidew li l-ewwel marċi u programm kellhom isiru għall-festa ta' Marija Bambina f'Settembru ta' l-1907.

## TĦARRIĠ GĦALL-MARĊI

Is-surmast ried u hekk sar, illi bħala preparazzjoni biex jindaqqu l-marċi bil-mixi, f'wieħed mill-Ħdud ta' Awissu, il-banda tinżel l-Għadira biex hemm isir il-kunċert tal-marċi u jekk isiru xi żbalji jintilfu fir-ramel u l-ilma tal-Bajja tal-Mellieħa għax dak iż-żmien fl-Għadira ma kontx tara bniedem, speċjalment nhar ta' Ħadd.

## JINDAQQ L-EWWEL MARĊ

Ta' min isemmi, li qabel ma niżlu l-Għadira, marru fil-bitħa tas-Santwarju u hemm daqqew l-ewwel marċ miktub mis-Surmast Doneo nnifsu u jismu "Marcia La Vittoria", u dan il-marċ riedu jdoqquh hemm biex jirringrazzjaw lil Madonna tal-Mellieħa talli rnexxielhom iwaqqfu l-banda tant mixtieqa.

Dan l-ewwel marċ li ndaqq ad unur tal-Madonna tal-Mellieħa ħdejn il-bieb tas-Santwarju għażiż tagħna ma kienx ifisser ħag'oħra ħlief ir-rabta bejn il-Banda Vittoria u l-Knisja, rabta li bdiet teżisti sa mill-bidu nett. Din l-armonija bejn is-Soċjetà u l-Knisja qatt ma naqset u nittamaw f'Alla li qatt ma jkollha tmiem. Kien għalhekk li l-Kappillan Magri tant feraħ meta sama' dan l-ewwel daqq tal-banda li sa qabiżlu d-dmugħ għax fil-għerf u l-qdusija tiegħu ra li fil-Parroċċa ser ikollu banda marbuta mal-Knisja li ma tinħall qatt.

## IL-BANDA TAGĦMEL L-EWWEL PROGRAMM

Il-kunċerti tal-banda baqgħu jsiru b'ħerqa kbira u billi l-festa ta' Marija Bambina kienet riesqa ġmielha s-Surmast Doneo beda jagħmel xi kunċert extra biex bil-għajnuna t'Alla l-ewwel programm jirnexxi kif xtaq hu.

Wasa il-jum mixtieq u fis-7 ta' Settembru 1907, lejlet il-Vitorja, f'nofs in-nhar, fost l-isparar tal-bombi u t-tixjir ta' bnadar kbar li kien ilhom lesti għall-okkażjoni sar l-ewwel marċ mar-raħal bil-poplu jrid itir bil-ferħ.

Fil-għaxija fuq il-palk li kien armat f'nofs il-Pjazza tal-Parroċċa quddiem eluf ta' nies mhux Melleħin biss iżda minn Malta kollha, il-Banda Vittoria għamlet l-ewwel programm tagħha li kien magħmul minn:

1. Marcia Sinfonica "L'Unione" — Mro. Cimà.
2. Sinfonia "Roccie D'Or"
3. Reminiscenza di G. Verdi — Irranġata minn C. Doneo.
4. Waltz "Mon Amour"
5. Marcia "La Vittoria" — C. Doneo.

# RENO'S

LADIES & GENT'S TAILORING

GENERAL DRAPERY &
SERVICES OUTFITTER.

*For Hire:-*
Morning Suits, Tail-Coats
and Dinner Suits
at Moderate Prices.

219, MERCHANTS STREET — VALLETTA.
Phone C. 5262.

# Charles Grech

Established 1881

Finest wines, spirits, & tobaccos
10, Kingsway Valletta,
Malta.

*Sole Agents for:*

The House of State Express, London

Manufacturers of the celebrated

JOHN WOOD'S CIGARETTES.


Dan l-ewwel programm tal-Banda Vittoria tant irnexxa li korrispondent "Justitia" fil-ħarġa tal-"Malta Tagħna" tal-21 ta' Settembru 1907, fost kliem ieħor kiteb hekk fuqu: "L-aktar li laqtitni fil-festa kienet il-Banda l-ġdida tal-Mellieħa, taħt it-tmexxija tas-Surmast C. Doneo. Il-bċejjeċ li daqqet daqqithom b'tant preċiżjoni li għaġġbet lil kull min kien hemm, għaliex daqqithom tassew tajjeb".

Dan kien l-ewwel ċertifikat sabiħ li kisbet il-Banda "La Vittoria".

## L-EWWEL BANDISTI

Ma nistgħux aħna l-lum li qegħdin infakkru għeluq il-ħamsin sena tal-Banda tagħna ma niftakrux f'dawk l-ewwel bandisti li ffurmaw il-Banda u lilhom minn qalbna nirringrazzjawhom. Ftit minnhom għadhom fostna li għalihom il-lum dan il-Ġublew tad-Deheb għandu tifsira speċjali. Il-parti l-kbira mietu, iżda mhux mietu u ntesew mis-Soċjetà, għax il-lum stess kull wieħed minnhom qed jissemma u b'xhieda ta' hekk ser inġibu isimhom biex jibqa' għal dejjem imfakkar b'rikonoxxenza.

Surmast Fundatur u Direttur: **Carmelo Doneo.**



IS-SURMAST CARMELO DONEO
FUNDATUR U L-EWWEL SURMAST LI KELLHA S-SOĊJETA'

Klarini: Pawlu Borg, Gio Maria Camilleri, Vittorio Buttigieg, Giuseppe Muscat, Carmelo Abela, Francesco Fenech, Carmelo Attard, Angelo Fenech, Vincenzo Cutajar, Giovanni Vella, Lorenzo Muscat, Andrea Gauci, Spiridione Grima.



"Quite true!"

***There's a Singer for every purpose... a style for every purse!***

In the new Singer range for 1957, you will find the sewing machine and cabinet most suitable to your particular needs, the new Singer that meets all your sewing and embroidery requirements.

Any Singer Sewing Centre will be very pleased to show the whole range of new Singer machines and teach you, free of charge, the use of the machine of your choice. Singer offers you, also free of charge, courses in dressmaking and embroidery; besides this, you can have any service you may require, all sewing notions and fashion aids, repairs and original Singer parts.

And remember you can have your new Singer for only 10/- per week after a small down payment! Ask for a catalogue at your nearest

**SINGER SEWING CENTRE**

Singer Sewing Machine Company - Malta


Kwartini: Carmelo Bartolo, Carmelo Bartolo.

Ottavin: Joseph Zammit.

Terzini: Antonio Vella; Charlie Borg.

Klarini baxxi: Vincenzo Fenech, Ġiuseppe Debono.

Oboe: Gio Maria Fenech, Giuseppe Muscat.

Kurunetti: James Muscat, Francesco Buttigieg, Spiru Vella, Sebastiano Ciavola, Giuseppe Muscat

Baritoni: Michele Muscat, Giuseppe Buttigieg.

Ewfonji: Salvatore Grima, Francesco Bonello.

Korni: Antonio Debono, Antonio Caruana.

Saxofoni: Carmelo Abela, Carmelo Stellini.

Trumbuni: Andrea Fenech, Andrea Gauci, Andrea Muscat, Giovanni Fenech, William Howe.

Baxxi: Michele Fenech, Vincenzo Vella, Carmelo Gauci, Andrea Gauci, Salvatore Bartolo.

Batterija: Francesco Xuereb, Giuseppe Cutajar, Carmelo Gauci

## L-EWWEL MEMBRI TAL-KUMITAT

Hu xieraq li nsemmu wkoll lill-membri tal-Kumitat li b'tant għaqal mexxew is-Soċjetà u l-Banda 'Vittoria'' fl-ewwel snin tal-formazzjoni tagħhom, imma jiddispjaċina, kontra qalbna, ikollna nħallu lil xi ħadd barra billi ma rnexxilniex naqbdu isimhom:

President u Segretarju: In-Nutar Luigi Gauci Forno;

Teżorier: Giovanni Vella;

Membri: Giuseppe Muscat, Vincenzo Vella, Francesco Bonello, Salvatore Grima, Angelo Abela, Salvatore Bartolo, Francesco Buttigieg, Antonio Debono, Antonio Vella, Spiridione Grima, Corrado Ciavola, Salvatore Grima, Annibale Zammit, Vincenzo Fenech, Giuseppe Attard, Giuseppe Fenech.

## IL-FESTA TA' SAN ĠUŻEPP

Wara l-festa tal-Vitorja l-Banda baqgħet miexja 'l quddiem sewwa. Il-kunċerti baqgħu jsiru regolari u baqgħu jingħataw il-lezzjonijiet lill-allievi ġodda u lil dawk li ma daqqewx fl-ewwel programm fosthom Salvatore Abela. Dawn kienu jistudjaw ħafna għax riedu jdoqqu barra nhar il-festa ta' San Ġużepp li dak iż-żmien kienet festa kbira u l-iżjed popolari wara l-Vitorja.

Il-Prokuratur tal-festa Gian Pawl Gauci, li kien ukoll benefattur tal-Banda, għamel festa ikbar mis-soltu għax din id-darba ħadet sehem ukoll il-Banda Vittoria billi sar marċ f'nofs in-nhar u marċi reliġjużi fil-purċissjoni ta' fil-għaxija.

## JINBIDEL IS-SURMAST

Il-Banda bħal ma rajna kienet issudat sewwa u baqgħet hekk għal xi ftit snin oħra. Is-Surmast Doneo kien xjieħ ġmielu. Xi bandisti lmintaw li l-banda ma kienitx ġejja 'l quddiem biżżejjed u ħasbu li jekk jinbidel is-surmast, billi kien mar lura ħafna minn saħħtu, il-banda tkun tista' tagħmel progress iżjed. Għaddiet tagħhom u Surmast tal-

Try this world famous beer

— SINCE 1383 —




Munich

BREWED IN THE LARGEST BREWERY OF BAVARIA (GERMANY)

AND SOLD IN 70 COUNTRIES OF THE GLOBE.

SOLE AGENTS: FIRMA **PAOLO BONNICI,**

257, ST. PAUL'S STREET, VALLETTA / MALTA, PHONE: C. 4322


Banda sar is-Sur J. Agius. Iżda kontra li kienu ħasbu l-banda ma għamlitx progress u aktarx marret xi ftit lura. Dan is-Sur Agius ma damx wisq jiddirieġi l-Banda u ġie warajh Surmast Direttur is-Sur Antonio Micallef, li kien magħruf bħala wieħed mill-aħjar surmastrijiet ta' żmienu. Għall-ewwel għamel mill-aħjar biex il-Banda tiġi 'l quddiem u kien maħbub wisq mill-bandisti. Kien kiteb l-ewwel innu lill-Verġni Bambina fuq il-versi bit-Taljan ta' Dun Fortunato Debono.

## L-ILMA FIL-MELLIEĦA

Sa l-1912, fil-Mellieħa ma kienx hawn servizz ta' l-ilma u għejjun pubbliċi. Il-poplu kellu biss l-ilma tal-bjar u ta' xi nixxiegħa ta' ilma ġieri bħal ta' Għien Ingraw u l-ilma hekk imsejjaħ tal-Madonna. Fi żmien il-Gvernatur General Sir Henry Leslie Rundle u meta x-xogħol pubbliku kien taħt is-Sur Lorenzo Gatt ingħatat l-ordni biex fil-Mellieħa jkollna s-servizz ta' l-ilma. Iċ-ċerimonja tal-ftuħ ta' l-ilma saret il-Ħadd, 2 ta' Ġunju 1912. Għal din l-okkażjoni l-Banda Vittoria għamlet programm taħt id-direzzjoni tas-Surmast Ant. Micallef. Jisimgħu l-banda kien hemm il-poplu tar-raħal u l-kleru flimkien ma' rappreżentanti tal-Gvern Ċivili. Preżenti wkoll għal din l-okkażjoni kien hawn Lord Kitchner li kien ħa gost ħafna bil-banda.

Sentejn wara bdiet il-Gwerra l-Kbira. Din kienet daqqa ta' ħarta għall-Banda għax bejn li ħtija tal-gwerra n-nies ma kellhomx moħħ il-banda u bejn li ħafna mill-bandisti kienu daħlu suldati, il-banda marret lura. Il-kunċerti ma baqgħux isiru regolari. L-allievi kważi spiċċaw. Naqsu s-soċi u l-finanzi tal-każin ħżienu ferm. Il-Kumitat iddeċieda li s-surmast ma jibqax jitħallas fix-xahar. Is-surmast kien jiġi meta jawżawh. Kien jagħmel xi kunċert, iġib il-bandisti barranin u jsir il-programm aktarx fil-Vitorja biss. Però l-Banda qatt ma spiċċat. Il-Każin dejjem baqa' Każin tal-Banda u s-Sur Antonio Debono kien ukoll jagħmel xi kunċert u anki xi programm barra.

Biex fl-1917 il-Banda daqqet marċ f'nofs in-nhar għall-festa ta' San Ġużepp is-Surmast Micallef ġieb mhux inqas minn għaxar bandisti barranin bi spiża ta' £2. 11s.

F'Settembru ta' l-istess sena ddeċidew li jinġieb Surmast għal-lezzjonijiet u jibdew il-kunċerti regolari. Iżda ma ġara xejn importanti u l-istat tal-Banda baqa' ftit jew wisq bħal ma kien.

## TISPIĊĊA L-GWERRA

Fil-11 ta' Novembru 1918 sar l-Armistizju. Dik il-lejla l-bandisti kollha ltaqgħu l-Każin u ftehmu li jagħmlu marċ mar-raħal. Kien hawn ferħ kbir u l-poplu ferħan jimxi wara l-Banda. Din kienet okkażjoni li l-Banda terġa' tibda miexja 'l quddiem u s-Surmast Micallef beda jiġi għal iżjed kunċerti. Il-bandisti żdiedu u żdied ukoll in-numru ta' l-allievi li kien inkarigat minnhom Antonio Debono li dejjem wera nteress fis-Soċjetà sa mill-bidu tagħha.

Fost dawn l-allievi għad fadal min qiegħed jaqdi dmiru bħala bandist. Nistgħu nsemmu lil Joseph Fenech, Michele Muscat, Joseph Attard u Stefano Debono. U l-lum wieħed minnhom, is-Sur Michele Muscat hu nkarigat mill-istudenti.

L-ewwel tnejn li semmejna ħadu l-istrument ta' età żgħira ħafna u riedu jagħmlu garanti għalihom ta' l-ewwel missieru Angelo u l-ieħor ħuh Salvatore li dak iż-żmien kienu t-tnejn fil-Kumitat.

## The most Popular Concrete Mixer in Malta

## "THE TRAILEX"

mounted on two large Pneumatic Wheels fitted with Towbar Over-run Brakes thus the operation of loading the machine on to a lorry is dispensed with. The Mixer is simply kitchen to a car, van, lorry or tractor and driven at speed to the job.

CAN BE SEEN AT OUR STORES

# JOHN ABELA (1883) & SON

## Abela's Buildings,

## MARSA.

*Telegraphic Address:* "IRONSTEEL MALTA"

*Phone:* CENTRAL 4575 (5 lines)

(We can deliver at very short notice to your address all your requirements of Building and Engineering Materials.

WE HOLD THE LARGEST AND MOST IMPORTANT STOCKS IN THE ISLAND.

*Valletta Offices:—*

**17 & 19 Kingsway Palace, Kingsway.**

*Malta Representatives for:—*

The Liner Concrete Machinery Co. Ltd., Gateshead—England.

Krupp Eisenhandel-Dusseldorf — West Germany.

J. H. Sankey &Son Ltd.—Aldwych House London, W.C.2.

William R. Todd & Son Ltd. — Marfleet, Hull,


## ŻMIEN AĦJAR GĦALL-BANDA

Il-Banda Vittoria kienet issa għelbet il-kriżi li ta' bil-fors kull Għaqda ma' tul ħajjitha jkollha tħabbat wiċċha magħha. Jiem isbaħ b'risq aħjar kienu ser ifeġġu għas-Soċjetà. L-interess tal-Bandisti żdied ħafna u xtaqu li s-Surmast jibda jagħmel il-kunċerti regolari.

Fil-11 ta' Settembru 1922 Giuseppe Bartolo, bandist, talab f'Seduta mitluba minnu f'isem il-bandisti sħabu biex jinġieb is-Surmast regolari għal-lezzjonijiet u kunċerti. Il-Kumitat qabel miegħu u ftehmu li dan isir hekk kif il-finanzi jkunu jippermettu.

Nhar it-Tre Re ta' l-1922 sar xi tibdil fil-Kumitat. Sar Segretarju s-Sur Joseph Fenech u għażel Assistent Segretarju lis-Sur Salvatore Muscat qatt minsi fil-Każin. Dan Salvu barra li kien bandist serva lis-Soċjetà bħala Membru fil-Kumitat sa minn Marzu ta' l-1921 u dam sakemm, u iżjed milli ppermettietlu saħħtu meta spiċċa minn Segretarju f'Marzu ta' l-1954.

Dawn it-tnejn ftiehmu li jimxu id f'id u li jagħmlu ħilithom kollha biex, kif kien mixtieq minn kulħadd, il-Banda tagħmel progress kbir.

L-ewwel riedu jissodaw il-finanzi u biex dan jirnexxi fittxew lis-Soċi u ħajruhom jersqu lejn il-Każin.

Sar permess għal-Lotteriji u nkarigaw lil Angelo Fenech, Serafino Debono, Michele Muscat u Carmelo Stellini li b'entużjażmu kienu jduru issa b'biċċa drapp, issa bil-ħut u anki b'xi ħajta deheb.

Il-Kumitat ftiehem ukoll li għall-ewwel joħorġu xi ħaġa tal-flus biex is-Surmast jiġi regolari mill-eqreb fis. Ftit wara twaħħal avviż li s-Surmast Ant. Micallef ser jibda jiġi s-Sibtijiet u l-Ħdud għal-lezzjonijiet u kunċerti.

Sewwa s-Soċi kemm il-bandisti bdew jersqu iżjed lejn il-Każin, il-benefatturi żdiedu u l-finanzi rranġew sewwa tant li minn dak iż-żmien sal-lum il-Banda dejjem kellha Surmast lest biex imexxiha s-sena kollha.

## JISPIĊĊA S-SURMAST ANT. MICALLEF

L-ewwel ta' Lulju 1922 kien jum ta' swied il-qalb għas-Soċjetà u l-iżjed għall-bandisti. Imwaħħal fuq "notice board" kien hemm avviż, bil-firma tas-Segretarju, fejn igħid li f'dik il-lejla s-Surmast Nonu, għax hekk kien magħruf minn kulħadd, ried ikellem lill-bandisti. Qalilhom li kontra qalbu kien sejjer jinfired minnhom għax kien sejjer jitlaq minn Malta, u żied igħidilhom li ma jinsihom qatt għax magħhom kien qatta ħafna żmien ta' ħajtu kuntent. Għamlilhom premura biex ikomplu jistudjaw u jattendu għall-kunċerti.

Fuq rakkomandazzjoni tas-Surmast Micallef ġie biex imexxi l-Banda s-Sur Enrico Xuereb li dan ukoll għamel kull ma seta' biex iġib il-Banda 'l quddiem. Fi żmienu l-bandisti żdiedu sewwa u kien hemm ukoll ħafna studenti. Il-programmi kienu jsiru iżjed spiss u l-kummissjonijiet tal-Banda żdiedu wkoll.

Il-Konsagrazzjoni tal-Każin lill-Qalb ta' Ġesù, li fuqha ngħidu iżjed 'il quddiem, saret fi żmienu. Għal din l-okkażjoni taħt id-direzzjoni tiegħu l-Banda daqqet programm magħżul u offra marċ miktub minnu jismu "Vessillo Patria" lill-President Onorarju ta' dak iż-żmien l-Hon. F. Buhagiar, LL.D., fil-waqt li ndaqq mill-Banda.




For Everything in the

MUSICAL LINES

Sole Malta Agents

*For*

BOOSEY & HAWKES

Band INSTRUMENTS





## IS-SURMAST NIKOLA MONTEBELLO

Fis-sena 1924 wara li s-Surmast Xuereb telaq il-Banda, is-Segretarju s-Sur Joseph Fenech u l-Assistent Segretarju s-Sur Salv. Muscat ftiehmu li jġibu Surmast lil Nikola Montebello. Tassew li kienet għażla provvidenzjali li tibqa' rreġistrata b'ittri tad-deheb fil-ġrajja tal-Każin Vittoria. Għad li ilu mejjet 27 sena, però dawn is-snin kollha ma swewx biex jintesa mis-Soċjetà.



**IS-SURMAST NICOLA MONTEBELLO**
**Dan is-Surmast tant ħadem biex il-Banda jkompli jkabbarha fl-arti Mużikali bil-kapaċità li kellu fil-qasam tal-Mużika.**

Is-Surmast Montebello ma kienx ħa grazzja biss mal-Banda li kellu taħt idejh iżda mar-raħal kollu u ġara li kien maħbub u rrispettat mhux biss mis-Soċjetà Vittoria iżda mill-Melleħin kollha. Ma kienx jiġi biss għall-kunċerti u lezzjonijiet iżda kien joqgħod il-Mellieħa għal ħafna żmien tas-sena.

Bit-tattika tiegħu kien iħajjar lill-bandisti biex kollha jattendu għall-kunċerti, kien ħajjar lil numru kbir ta' allievi li fihom kien jieħu nteress speċjali. Jekk kien ikun id-dar u jisma' lil xi ħadd jitħarreġ fl-istrument b'xi nota ħażina kont tarah jitlaq lejn il-Każin biex jikkorieġi.

Fi żmien qasir il-Banda kibret sew u ġie li kienet tgħodd 70 bandist. Ħadet fama ma' kullimkien u l-kummissjonijiet ta' programmi saru minn kull rokna ta' Malta u Għawdex. Kull fejn kienet iddoqq il-Banda kont tisma' min igħid: "Ara dawk kollha tal-post. Ħadd barrani," u għas-Surmast Montebello dan kien l-ikbar sodisfazzjon.

Fi żmienu l-Banda tant kienet numeruża li għall-Karnival biex il-banda tferraħ ir-raħal ġie li nqasmet f'żewġ baned.

Fit-3 ta' Marzu 1926 saret il-festa ta' l-apertura tal-Każin li minn Nru. 7, Il-Pjazza tal-Parroċċa ġie trasferit għal Nru. 43 fl-istess Pjazza. Għal din l-okkażżjoni l-Banda daqqet l-ewwel programm f'din id-data quddiem il-Każin il-ġdid.

Nikola Montebello twieled f'Ħal Qormi fis-6 ta' Diċembru 1873. Għadda ħafna snin bħala "Band Master" fuq il-bastimenti tal-gwerra. Meta darba f'Lixandra l-Baned Militari Ingliżi għamlu mass band għall-programm kbir, bħala Surmast direttur kien ġie magħżul il-Malti Montebello.

Għal ħafna snin kien ukoll Surmast Direttur tal-Banda "San Giorgio" ta' Ħal-Qormi u tal-Banda "Santa Caterina" taż-Żurrieq.

Kien kompożitur kbir u kiteb operetti, sinfoniji, marċi u mużika oħra.

Kien ippremjat kemm-il darba fil-Konkorsi Mużikali tad-ditta tal-Kavalier Tito Belati f'Perugia. Dawn kienu Konkorsi Internazzjonali u fihom ħadu sehem awturi ta' fama kbira.

Fis-sena 1927 is-sinfonija tiegħu "Gaudio" u ż-żewġ marċi sinfoniċi: "Gli Spiriti Notturni" u "L'Alba della Vittoria" ħadu l-"Medaglia d'Argento" u Diploma f'dawn il-Konkorsi.

Fis-sena ta' wara l-istess Medaglia u Diploma ġew mogħtija għall-Marċ Sinfoniku "San Giovanni Battista", għall-Marċ Sinfoniku ieħor "Sinċieri Auguri", għall-Marċ Militari "Tom Dollar" u għall-Marċi Funebri "Lacrime" u "Lapide e Cipressi".

F'Konkors ieħor is-Sinfonija "La Stella del Mediterraneo" u l-Marcia Sinfonica "I Ninfi della Foresta" ġew ippremjati b'Medaglia d'Argento u bi "Grande Diploma d'Onore".

Dawn ta' l-aħħar tant intgħoġbu li ndaqqew fl-Italja stess.




**F'dan ir-ritratt tidher il-Banda fl-okkażjoni ta' l-Inawgurazzjoni tal-Każin il-ġdid fi Piazza Parrocchiale Nru. 43. Għal din l-Inawgurazzjoni l-Banda fit-3 ta' Marzu 1926 daqqet Programm quddiem il-Każin il-ġdid.**



Ħadd u qatt ma kien jista' jifred il-Banda Vittoria minn mas-Surmast Montebello. Iżda dak li ma kien jista' jagħmlu ħadd għamlitu l-kiefra mewt, meta fis-6 ta' Mejju 1930 ħasditu minn din il-ħajja. L-aħbar tal-mewt tas-Surmast ġiebet swied il-qalb kbir fuq is-Soċjetà kollha. Għall-funeral tiegħu li sar l-għada l-bandisti kollha marru biex jieħdu parti fih u biex jagħtu l-aħħar tislima lis-Surmast tagħhom.

Għaddew 27 sena minn mewtu li ma swewx biex inissuh għax għalkemm Montebello miet, għadu ħaj fil-mużika tiegħu li ħafna minnha tinsab fl-arkivju tal-Każin biex tibqa' għal dejjem tfakkar ismu.

## IS-SURMAST PACIFICO SCICLUNA

Billi l-Banda kellha xi kummissjonijiet marbuta magħhom il-Kumitat kellu fi żmien qasir isib Surmast u l-għażla waqgħet fuq is-Surmast Pacifico Scicluna mill-Birgu. Għamel l-ewwel kunċerti f'Mejju 1930. Fil-Banda ħa interess kbir u ried li l-Banda tibqa' gejja 'l quddiem. Fil-kunċerti kien irid kollox eżatt u kellu tattika kbira biex jgħallem u jispjega.

## IL-BANDA F'NOTO

Wara li kien ilu biss xahrejn Surmast tal-Banda Vittoria, il-Banda kellha stedina biex tieħu parti fil-festa ta' San Corrado, f'Noto. Din kienet biċċa xogħol tassew iebsa kemm għall-Banda u xi ħaġa iżjed għas-Surmast. Ried ilesti tliet programmi fi żmien qasir u f'post fejn għall-mużika trid togħġod wisq attent.

Fil-kunċerti saret preparazzjoni perfetta u r-riżultat kien eċċellenti b'sodisfazzjon għas-Surmast u l-Banda. Is-Surmast Scicluna ma riedx jimpressjona l-pubbliku f'Noto b'mużika klassika għolja, għax kien magħfus biż-żmien, iżda ried esekuzzjoni perfetta ta' kull biċċa mużika li daqq.

Li l-Banda Vittoria kellha titlaq minn Malta biex iddoqq fi Sqallija kienet okkażjoni ta' ferħ u entużjażmu kbir. Numru kbir ta' ammiraturi tal-Banda marru magħha.

L-ewwel programm sar fil-għaxija fil-"Giardino Vittorio Emanuele III" fejn għamlet programm ukoll il-Banda "Città di Noto". Jisimgħu l-baned kien hemm eluf kbar ta' nies li ħadu interess speċjali fil-Banda Vittoria.

L-għada l-istess baned reġgħu daqqew programm fl-istess post u fil-31 ta' Awissu l-Banda "La Vittoria" daqqet programm fi Piazza Trigona.

Żgur li jkun ta' kurżità u nteress il-programmi li saru u għalhekk ser inġibu programm ta' kull waħda miż-żewġ baned kif deher fil-ġurnal "Il Corriere della Sicilia" tal-31 ta' Awissu 1930.

**Programma della "Città di Noto"**

La sera del 30 al Giardino Vitt. Em. III:

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Mendelsshon | Ruy Blas | Ouverture |
| 2. | Verdi | Traviata | Preludio, Atto II |
| 3. | Mascagni | Cavalleria Rusticana | Parte I |
| 4. | Verdi | Rigoletto | Duetto Atto II |
| 5. | Cilea | Adreana | Sunto Atto I e II |

Il Direttore
Maestro F. Mulè.

**Programma della Filarmonica "Vittoria"**

La sera del 30 al Giardino Vitt. Em. III:

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Montebello | San Corrado | Marcia Sinfonica |
| 2. | Suppè | Cavalleria Leggiera | Sinfonia |
| 3. | Bellini | Norma | Fantasia |
| 4. | Fringuelli | Preghiera alla Vergine | |
| 5. | Bellini | Sonnambula | Fantasia |

Il Direttore
Maestro Scicluna.

Is-Surmast P. Scicluna dam jiddirieġi l-Banda sat-3 ta' Lulju 1932.

## IS-SURMAST W. ATTARD

Għat-tieni darba fil-kariga tiegħu bħala Segretarju s-Sur Salv. Muscat kellu l-inkarigu li jsib Surmast għall-Banda Vittoria u din id-darba flimkien ma Antonio Gerada, bħala Delegat tal-Kumitat, kellmu u ftehmu mas-Surmast W. Attard. Għażla feliċi iżjed minn din ma setgħetx issir. Dan deher ċar sa mill-ewwel kunċert li għamel fl-10 ta' Lulju 1932 meta l-bandisti raw fih Surmast żagħżugħ enerġiku u deċiż li jwassal il-Banda għal suċċessi mużikali ġodda.

Mill-ewwel ħa interess speċjali fil-Banda lilu fdata u għamel ħiltu kollha biex iġibha 'l quddiem kif tassew ġara għax bil-kuraġġ u d-deħen tiegħu l-Banda bdiet iddoqq mużika klassika li jdoqquha biss baned kbar.

F'wieħed mill-ewwel diskorsi li għamel lill-bandisti, biex iqajjem fihom entużjażmu u nteress għall-arti mużikali, fehemhom li għall-mużika li kien fi ħsiebu jippreżentalhom ma kienx biżżejjed kunċert jew tnejn fil-ġimgħa iżda kien hemm bżonn ta' studju d-dar. Ħafna mill-bandisti raw li kellu raġun, semgħu minnu u saru bandisti ta' ħila lesti biex idoqqu mużika klassika kif ried u għamel is-Surmast W. Attard.

## IL-BANDA TAGĦLAQ 25 SENA

F'Settembru 1932 is-Soċjetà 'Vittoria' għalqet il-25 sena mit-twaqqif tagħha. Għal din l-okkażjoni saru festi kbar fit-18 ta' Settembru ta' l-istess sena. Il-Banda taħt id-direzzjoni tas-Surmast Attard lejlet il-festa daqqet programm magħżul quddiem il-każin u l-għada nhar il-festa l-Banda 'Vittoria' għamlet marċ flimkien mal-Banda Nazzjonali 'La Valette'. Fil-għaxija l-Banda 'La Valette' daqqet programm kbir taħt id-direzzjoni tas-Surmast C. Botti. Kienet festa li tassew irnexxiet u li għaliha ġew eluf kbar ta' nies minn Malta kollha.

Għal din l-okkażjoni Sir Ugo Mifsud li kien Prim Ministru ta' Malta f'dak iż-żmien, ippreżenta stendard sabiħ lill-Banda.

Wieħed mill-ġurnali fil-ħarġa tiegħu tal-għada tal-festa spiċċa r-rapport tiegħu fuq il-festa hekk: "Tant il-Banda 'Vittoria' kemm il-Banda 'La Valette' marru ferm tajjeb fil-marċijiet u l-programmi tagħhom. Nagħtu għaldaqstant prosit lill-Kumitat tal-Banda 'Vittoria' u lill-organizzaturi kollha ta din il-festa għall-ħidma tagħhom patrijottika a vantaġġ ta' l-arti mużikali fil-Gżira".



Dan kien il-programm li daqqet il-Banda 'La Vittoria' taħt id-direzzjoni tas-Surmast Attard:

| | | |
|---|---|---|
| Attard | "La Vittoria" | Innu. |
| Frosali | "Vita Nova" | Sinfonija. |
| Giordano | "Il Voto" | Fantasia. |
| Ponchielli | "La Gioconda" | Terzetto. |
| Miruzzi | "Mattino e Sera" | Marcia Sinfonica. |

Dan kien l-Innu miktub mill-mejjet Spiżjar Carmelo Debono mill-Mellieħa fl-okkażjoni tal-Festa ta' Għeluq il-25 sena tal-Banda Vittoria.

"La Vittoria" wliedek aħna
Inqimuk bħal Omm minn tagħna
Irriduk dejjem qawwija,
Tirbaħ dejjem u ferħana,
Vittorjuża u trijonfanti;
L-ewwel Banda tal-Mellieħa.

Melleħin veri,
Dejjem tiegħek
Dejjem miegħek,
Nibqgħu żgur.

Banda tagħna
Met'inti tridna
Sigur issibna
Dejjem warajk
Lesti għal kollox
Jekk int għajtilna
Ruħ waħda l-għaqda
Minn tagħna tqum.

Inkunu Vittorjani
Mal-Banda kbira tagħna,
Ejjew għax Alla magħna
Kull fejn il-Banda tmur.

Fil-bliet u fil-kampanja,
Bil-għaqal u ferħana,
Għax Alla huwa magħna
Kuntenti dejjem żgur.

CARMELO DEBONO VELLA.

## SUĊĊESS FI PJAZZA REĠINA

Il-għan tas-surmast li jġib il-banda 'l quddiem tant irnexxa li għall-okkażjoni tal-festa ta' San Pawl ta' ftit snin wara fi Pjazza Reġina, il-Belt, il-Banda rnexxielha ddoqq programm magħżul bil-bandisti tagħha biss, mingħajr ebda bandist barrani. Mhux għal xejn li l-pubbliku preżenti b'ammirazzjoni għall-kuraġġ tas-surmast u għall-esekuzzjoni tal-mużika infexx japplawdi kemm-il-darba.

Dan kien il-programm:

| | | |
|---|---|---|
| W Attard | "Un Saluto a Malta" | Sinfonia. |
| Maricconda | Marcia Sinfonica in Re b Maggiore. | |
| Puccini | "Tosca" | Fantasia. |
| Verdi | "Rigoletto" | Selection. |
| Auber | "La Muta di Portici" | Sinfonia. |

F'Jannar 1938, fi żmien is-Surmast Attard, is-sede tas-Soċjetà 'Vittoria' minn Nru 43 Parish Square ġiet trasferita għal Nru. 23 fl-istess Pjazza.

## IS-SURMAST A. GATT

Għal raġunijiet personali s-Surmast Attard telaq il-banda f'Mejju 1948, u fil-5 ta' Ġunju ta' l-istess sena sar Surmast is-Sur A. Gatt, li kien biżżejjed magħruf għall-kapaċità u l-ħila tiegħu. Dan ukoll għamel kemm seta' biex iżomm isem il-Banda 'Vittoria' fil-għoli Il-programmi li l-banda daqqet taħtu sakemm dam magħha sa Novembru ta' l-1952, kienu kollha programmi li rnexxew bi preċiżjoni kbira.

## IL-BANDA F'CATANIA

L-iżjed ħaġa importanti li saret fi żmienu kienet il-mawra tal-Banda f'Catania, fejn f'Villa Bellini, taħt id-direzzjoni tiegħu l-banda għamlet programm kbir. Is-Surmast Gatt kellu biċċa xogħol tassew iebsa, iżda ma qatax qalbu u bil-preparazzjoni kbira li għamel fil-kunċerti kellu f'Catania s-suċċess li kien jistħoqqlu. Biżżejjed tgħid li l-ġurnali tal-post faħħru d-direzzjoni tas-Surmast u l-esekuzzjoni tal-mużika.

Il-Banda kienet waslet f'Catania fid-29 ta' Lulju 1949. Fit-8.30 a.m. il-Banda poġġiet kuruna tar-rand fuq il-qabar ta' V. Bellini. Wara ġie mogħti riċeviment mill-awtorità ta' Catania fil-Palazzo del Municipio. Il-Banda daqqet marċijiet fi Triq Etnea u spiċċat fejn il-monument ta' Bellini. Tqegħdet kuruna u l-banda daqqet l-Innu ta' Mameli, Innu Malti u l-God Save The King.



Fid-9 p.m. tal-Ħadd, sar dan il-programm li rnexxa kif għedna:

| | | |
|---|---|---|
| A. Gatt | "Omaggio alla Filarmonica Vittoria" | Marcia Sinfonica. |
| Verdi | "I Vespri Siciliani" | Sinfonia. |
| V. Bellini | "Norma" | Selection. |
| Cilea | "Adriana" | Selection. |
| Balfe | "Bohemian Girl" | Sinfonia. |

Innu Malti — Innu di Mameli — God Save The King.

## JERĠA' JSIR SURMAST TAL-BANDA W. ATTARD

F'Novembru ta' l-1952, is-Surmast Gatt telaq il-Banda u fit-22 ta' l-istess xahar reġa' ġie magħżul is-Surmast W. Attard fost il-ferħ tal-Banda u tas-Soċjetà kollha.



**F'dan ir-ritratt jidher il-Prim Ministru Dr. P. Boffa (il-lum Sir P. Boffa) u s-Sinjura tiegħu akkompanjat mill-Kappillan tal-Parroċċa Dun Franġisk Xuereb, Dr. G. Borg Olivier Aġent Kap ta' l-Oppożizzjoni flimkien ma' Onor. Membri fil-Gabinett, Membri ta' l-Oppożizzjoni, il-Manager ta' l-Ilma u Dawl kif ukoll mistidnin oħra f'party li tagħat is-Soċjetà meta ġie inawgurat id-Dawl Elettriku ġol-Mellieħa.**

Sentejn wara s-Surmast Attard kien għalaq 25 sena bħala Direttur tal-Baned. Għal din l-okkażjoni ta 'At Home' id-dar tiegħu biex flimkien mal-familja u l-ħbieb jikkommemora din il-ġrajja fil-karriera mużikali tiegħu. Is-Soċjetà 'Vittoria' b'xhieda ta' ferħ offrietlu rigal li hu ġentilment aċċetta.

Is-Surmast Attard żgur li ma jintesa' qatt mis-Soċjetà tagħna mhux biss għas-suċċessi li l-Banda għamlet taħt id-direzzjoni tiegħu, iżda l-iżjed għax seraq u mess qalb kulħadd bl-Innu immortali tiegħu lil Marija Bambina li ta kull sena fis-7 u t-8 ta' Settembru l-Banda 'Vittoria' ddoqq ad unur u qima lil Marija Bambina f'jum il-festa tat-twelid tagħha. Dan l-Innu popolari jifirħu bih mhux biss il-Melleħin iżda l-Maltin kollha li jisimgħuh jindaqq minn fuq ir-Rediffusion.



F'dan ir-ritratt jidher l-Arċisqof ta' Catania Mons. Bentivoglio jbierek il-Bandalora li ġiet ippreżentata lill-Banda meta daqqet ġo Villa Bellini f'Catania fid-29 ta' Lulju 1949.

Is-Soċjetà 'Vittoria' hija obbligata mhux biss lejn is-Surmast Attard li ta l-mużika lill-Innu iżda wkoll lejn l-Avukat George Zammit LL.D., B.A. (Lond.), President tas-Soċjetà, għall-Innu hekk sabiħ li hu, bħala poeta, kiteb u rregala lis-Soċjetà 'Vittoria'. L-Innu jidher f'parti oħra ta' dan il-ktieb.



L-Innu tal-Banda 'Vittoria' hu wkoll xogħol is-Surmast Attard fuq il-versi tal-mejjet Spiżjar C. Debono. Dan l-Innu tant hu għal qalb is-Soċjetà li baqa' l-Innu uffiċjali tagħha anki fi żmien meta s-Surmast Attard ma kienx għadu Direttur tal-Banda.

Nagħalqu din it-taqsima fuq is-surmastrijiet tal-banda billi nagħtu dan it-tagħrif fuq il-ħajja mużikali tas-Surmast Attard — is-Surmast preżenti.

Is-Surmast Attard twieled il-Ħamrun, fl-14 ta' Mejju 1901. Ħolom bil-mużika sa minn ċkunitu għax ta' 7 snin kien idoqq il-klarinett taħt is-Surmast Ant. Miruzzi. Studja wkoll is-saxophone li tiegħu kien ċelebrità. Studja u tgħallem ukoll il-pianoforte. Tħarreġ fl-armonija għand is-Surmast Abdilla u kompla l-istudju tal-kontrapont għand l-imsemmi Surmast Carlo Diacono. Biex jirnexxi surmast kompit tkisser fl-istrumentazzjoni u r-riduzzjoni għall-banda għand is-Surmast C. Botti.

Ċertifikati ta' kapaċità għandu mis-Surmast Carlo Diacono u minn The Association Board of the Royal Academy of Music. Ir-Royal College of Music London tah ċertifikat tal-'First Grade'. Il-kompożizzjoni tiegħu "Cuor d'Artista" li dehret għall-konkors internazzjonali ta' Napli ġiet ippremjata bi "Croce d'Oro".



IS-SURMAST W. ATTARD

## IS-SOĊJETA' 'VITTORIA' U R-RELIĠJON

Dak l-ewwel marċ li daqqet il-Banda 'Vittoria' quddiem is-Santwarju kien juri ċar li l-Banda kien fi ħsiebha timxi id f'id mal-Knisja għal ħajjitha kollha. Il-lum wara 50 sena mill-eżistenza tagħha naraw kif tassew hekk ġara u nittamaw li hekk jibqa' jsir, biex kif aħna writna Soċjetà glorjuża minn għand missirijietna, hekk jirtu ta' warajna u b'hekk is-Soċjetà 'Vittoria' tibqa' għal dejjem denja ta' l-isem li ġġib.

Fl-istorja tal-każin l-ispirtu reliġjuż qatt ma naqas. Nhar is-26 ta' Marzu 1916, saret seduta tal-Kumitat fejn qata' li jekk xi ħadd jinstema' jidgħi jiġi minn dak il-ħin stess imkeċċi barra mill-każin għal dejjem. Id-drawwa li fis-6 ta' Jannar, nhar it-Tre Re, isiru l-viżti mis-soċi u Tqarbina ġenerali, insibu li kellha bidu hekk kif twaqqaf il-każin u għal ħafna snin f'dak il-jum ma kienx jista' jsir logħob. L-istess ħaġa nistgħu ngħidu għall-viżti tas-Sepolkru meta ta' kull sena s-Soċjetà tagħmel taħt it-

tmexxija ta' Dun Ant. Debono, Kappillan tas-Soċjetà. Ir-reċtar tar-Rużarju Mqaddes fix-xahar ta' Ottubru qatt ma naqas u fix-xahar ta' wara, ix-xahar ta' l-rewieħ, is-Soċjetà tagħmel ta' kull sena Quddiesa solenni de requie u quddies lett bħala suffraġju għall-mejtin tas-Soċjetà.

## IL-KONSAGRAZZJONI TAL-KAŻIN LILL-QALB IMQADDSA TA' ĠESU'

Fl-24 ta' April ta' l-1921, il-Kumitat iddeċieda li l-każin jiġi kkonsagrat lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù. Il-Konsagrazzjoni saret fil-15 ta' Ottubru 1922, b'maniera l-iżjed solenni kif sejrin naraw:

Il-bandisti, is-soċi u l-Kumitat, iżjed minn 400 ruħ, imbejjin kif jixraq, resqu dak in-nhar għat-Tqarbin Imqaddes. Qarben u qaddes il-Mons. Dekan Dun Gius. De Piro, iddelegat u mibgħut għalhekk mill-maħbub Isqof ta' Malta, Dom M. Caruana.

Mons. De Piro għaraf iheġġihom b'ferventin l-iżjed sabiħ, devot u li jqanqal.

Wara l-Quddiesa Mons. De Piro bierek ix-xbieha tal-Qalb ta' Ġesù, li merfugħa mill-Onorevoli Ministru tal-Ġustizzja, Dr. F. Buhagiar u mid-Direttur tal-Każin 'Vittoria', Dr. Gius. Bonavia M.D., ġiet meħuda proċessjonalment, akkompanjata mill-Kleru, mill-Kappillan tas-Soċjetà. Dun Santin De Piro, flimkien mal-membri tal-Kumitat u s-soċi kollha sal-każin li dak iż-żmien kien f'Nru. 7, Pjazza tal-Parroċċa.

Kif waslu fil-post Mons. De Piro reġa' semma leħnu b'diskors ta' l-okkażjoni. Mons. De Piro qalilhom li l-vera devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù hija x-xebh ta' qalbna mal-Qalb għażiża ta' Ġesù.

Kif spiċċa d-diskors Mons. De Piro qiegħed ix-xbieha tal-Qalb ta' Ġesù fil-lok imħejji għaliha u flimkien mas-soċi qara l-Att tal-Konsagrazzjoni.

B'hekk is-Soċjetà 'Vittoria' ikkonsagrat għal dejjem kull wieħed mill-imsebbin li kellha dak in-nhar u lil dawk kollha li kellha wara, lill-Qalb ta' Ġesù.

Bi twettiq ta' dan l-Att tal-Konsagrazzjoni niżżlu isimhom:

L. Gauci Forno, President tas-Soċjetà.
F. Buhagiar, xhieda.
G. Bonavia, ,,
G. Decano De Piro, Delegato Vescovile.

Gazzetta li ġiebet din il-ġrajja spiċċat ir-rapport tagħha hekk: "Prosit tassew lil kulħadd, speċjalment lill-Kumitat u lil dawk kollha li ħabirku biex il-Qalb ta' Ġesù jkollha post fil-laqgħat li jsiru fiċ-Circolo 'La Vittoria'."

Aħna wkoll il-membri tas-Soċjetà 'Vittoria' il-lum wara 35 sena minn din il-ġrajja hekk għażiża nagħtu prosit u nirringrazzjaw lill-Kumitat li b'għemilhom ġejna aħna wkoll ikkonsagrati lill-Qalb SS. ta' Ġesù.

Bħal ma kien mistenni din l-okkażjoni tal-Konsagrazzjoni kellha l-effetti tagħha fuq is-Soċjetà. L-ispirtu reliġjuż u l-imħabba lejn Ommna l-Knisja Mqaddsa komplew kibru u dik l-armonija bejn Każin u Knisja saret perfetta.

Biex il-Każin 'Vittoria' juri s-solidarjetà tiegħu mal-Knisja, il-Kumitat fil-laqgħa tad-9 ta' Marzu 1931, żied dan ir-regolament li f'dak iż-żmien kellu importanza speċjali:

"Illi r-Reliġjon tal-Każin hija r-Reliġjon Kattolika Apostolika Rumana u għalhekk ħadd ma jista' jkun soċju f'dan il-każin u jekk diġà soċju ma jistax jibqa', kemm il-darba ma jwiegħedx li huwa joqgħod għat-tagħlim u jobdi f'kollox l-ordnijiet li toħroġ l-Awtorità tal-Knisja".



F'April 1947 il-Kumitat iddeċieda illi ta' kull tant tinżamm fil-Każin xi konferenza reliġjuża u iżjed tard iddeċieda wkoll li jsiru Eżerċizzi Spiritwali għall-ħabta ta' l-Għid.

Għal dawn il-konferenzi u prietki l-Kumitat dejjem għamel mill-aħjar biex jintagħżlu oraturi ta' fama.

F'dawn il-konferenzi kien ħa sehem il-President tas-Soċjetà Dr. George Zammit, B.A. LL.D., u anki l-E. T. Mons. Isqof Galea li kien tkellem fuq "Il-Kwistjoni Soċjali u l-Knisja".

## IL-KONGRESS TAX-XIRKA TA' L-1952

F'din is-sena dan il-Kongress sar b'suċċess kbir fil-Mellieħa fl-ewwel ta' Ġunju. L-għadd kbir ta' nies li ġew minn Malta kollha u l-organizazzjoni perfetta issemmew fil-ġurnali kollha.

Il-Każin Vittoria għamel ħiltu kollha biex jgħin għas-suċċess ta' dan il-Kongress. Is-Soċjetà tagħna ltaqgħet f'Korteo fil-bitħa tas-Santwarju mnejn imxew fost id-daqq tal-Banda għall-Pjazza tal-Parroċċa fejn sar il-Kongress. Ma' tul il-Korteo il-Banda Vittoria daqqet Innijiet tax-Xirka u fil-Pjazza quddiem it-Tribuna daqqet l-"Innu Malti u "Irridu l-Isem t'Alla". Il-Banda spiċċat id-daqq bil "Oh Ħelwa Madonna" fil-waqt li s-Santissimu Sagrament kien qed jiġi meħud minn fuq it-Tribuna għal ġol-Knisja.

Wara li spiċċat iċ-ċerimonja sar tratteniment fis-Sala tal-Każin fejn kienu preżenti d-Direttur Ġenerali tax-Xirka ma' tliet membri flimkien mal-Kumitat tal-Każin u membri li kienu jirrappreżentaw lill-Każin tal-Banda "Imperial" u ta' li "Sports Club".

Fl-14 ta' Ġunju s-Segretarju Ġenerali tax-Xirka bagħat ittra ta' ringrazzjament f'isem il-Wisq Rev. Direttur Ġenerali, Patri Majjistru Ġerardu Paris, O.P., lill-President, Kumitat, Bandisti u Membri tal-Każin Vittoria għall-kooperazzjoni tagħhom f'dan il-XX Kongress Nazzjonali.

## IS-SENA MQADDSA MARJANA

Is-sena 1954 tibqa' mfakkra fl-istorja bħala s-Sena Marjana. Ma' tul is-sena Malta għamlet kemm felħet biex tagħti unur, qima u ġieħ lil Sidtna Marija.

Is-Soċjetà Vittoria li dejjem u f'kull okkażjoni kienet minn ta' quddiem biex turi mħabbitha lejn il-Madonna, li b'isimha hi magħha marbuta, riedet f'din is-sena tagħmel dmirha wkoll. Għalhekk nhar il-5 ta' Diċembru ta' l-1954 is-Soċjetà għamlet Pellegrinaġġ organizzat u mmexxi mill-Kappillan tagħha r-Rev. Dun Anton Debono mill-Każin għas-Santwarju.

Patri Bernardino Attard kien mistieden biex jagħmel kelmtejn ta' l-okkażjoni li bi kliem għaref u li jqanqal il-qlub ħeġġeġ lin-nies għall-imħabba lejn il-Madonna meqjuma taħt it-titlu tal-Mellieħa. Fl-aħħar tad-diskors Patri Attard qara telegramm mibgħut mis-Soċjetà Vittoria lill-Qdusija Tiegħu l-Papa fejn talab il-Benedizzjoni Apostolika u qara wkoll it-telegramm mibgħut mill-Belt tal-Vatikan fejn l-Imqaddes Missier bagħat il-Benedizzjoni mitluba għal din l-okkazjoni.

Biex din il-ġrajja ma tintesa qatt is-Sur Giuseppe La Rosa, membru tal-Kumitat onorarju tas-Soċjetà, ippreżenta f'isem is-Soċjetà lill-wisq maħbub Kappillan tal-Parroċċa Dun Franġisk Xuereb, Pissidi bħala rigal lis-Santwarju.

# REDIFFUSION

Quddies mil-Vatikan u lokali, ahbarijiet tal-Knisja, l-Evangelju, tahdidiet u hafna affarijiet ohra religjuzi jinstemghu regolarment.

Minn barra dan muzika ta' kull xorta, drammi w recti, taghrif, ecc., ecc.

Kull jum ghandek ghazla ta' zewg programmi mis-6.00 ta' filghodu sa nofs il-lejl—17 il-siegha.

Ibghad jew ejja ghal-taghrif iehor ghand:

# REDIFFUSION

| | |
|---|---|
| 135 Britannia Street, | 103, St. Ursola Street, |
| Valetta. | Victoria - Gozo. |
| Tel: Central 5056 (4 lines). | Tel: Gozo 252. |


## GĦELUQ IL-ĦAMSIN SENA MILL-INKORONAZZJONI TAL-MADONNA TAL-MELLIEĦA

Kronoloġikament, jew skond l-ordni taż-żmien, din l-aħħar ġrajja li biha ser tingħalaq din it-taqsima kellha tissemma qabel. Ma sarx hekk biex ġrajja hekk importanti fl-istorja tal-Mellieħa jkollha iżjed importanza.

Is-sena 1950 ħabtet iċ-ċinkwantinarju ta' l-Inkoronazzjoni tal-Madonna tal-Mellieħa, sena li tibqa' mfakkra għall-festi kbar li saru lix-xbiha mirakuluża meqjuma fis-Santwarju Ewlieni u Nazzjonali Tagħha.

Ma setax jonqos li s-Soċjetà Vittoria, li 43 sena qabel il-Banda tagħha kienet offriet l-ewwel marċ "La Vittoria" ad unur u qima lill-Madonna tal-Mellieħa, ma ħaditx sehem kbir f'dawn il-festi. Għalhekk organizzat pellegrinaġġ immexxi minn Dun Anton Debono, Kappillan tas-Soċjetà u biex dan il-pellegrinaġġ ma jintesiex ġew offerti sett Karti tal-Glorja.

Il-Ħadd, 28 ta' Mejju il-Banda "Vittoria" ingħaqdet mal-Banda l-oħra tar-raħal "Imperial" u dawn bħala massed band daqqew Innijiet ta' tifħir lill-Madonna taħt it-treġija tas-Surmast V. Ciappara.

Din l-okkażjoni li ressqet liż-żewġ baned flimkien u għall-mument saru waħda kellha tifsira speċjali għax iż-żewġ baned fehmu li għad li huma rivali fil-mużika huma wkoll aħwa ta' l-istess Omm, il-Madonna.

Biex tiffesteġġja din il-festa tant kbira l-Banda Vittoria għamlet marċ kbir fil-lejl tat-2 ta' Ġunju u s-Sibt 3 ta' Ġunju għamlet Programm Mużiko-vokali taħt id-direzzjoni tas-Surmast A. Gatt.

## IL-BANDA VITTORIA U L-KLERU

Wara sitt snin li kien ilha wieqfa l-Banda qaddes l-Ewwel Quddiesa Solenni r-Rev. Dun Anton Debono fil-25 ta' Diċembru 1913. Daqs kemm kien feraħ Dun Anton bil-Banda fit-twaqqif tagħha, riedet issa li l-Banda tifraħ bih f'din l-okkażjoni hekk solenni u għażiża. Biex taqsam u tkabbar il-ferħ tagħha mal-poplu kollu tar-raħal il-Banda daqqet marċi ferrieħa fid-dar tiegħu stess. Il-Banda kienet ġa ferħitlu qabel bid-daqq ta' marċi meta r-Rev. Anton Debono kien ordnat Djaknu. U kellu jiġri li l-istess Saċerdot kellu jkun id-Direttur Spiritwali tas-Soċjetà sa mill-1926.

Nhar il-Vitorja ta' l-1943 il-Banda wasslet mid-dar tiegħu sal-Knisja lir-Rev. Dun Manwel Grima bid-daqq ta' marċi għall-Ewwel Quddiesa Solenni tiegħu.

Jum ieħor ta' ferħ kbir għall-Mellieħa kollha kien il-Ħadd, 7 ta' Lulju 1946, meta l-wisq maħbub Kappillan ir-Rev. Dun Franġisk Xuereb ħa l-Pussess tal-Parroċċa. Il-Banda Vittoria biex tkabbar din il-festa bid-daqq ta' marċi u fost l-isparar tal-bombi wasslet lill-Kappillan mid-dar tiegħu sal-Knisja.

Il-Banda Vittoria ġa kienet ħadet sehem darbtejn oħra fil-Pussess ta' Kappillan. L-ewwel darba għall-Pussess tal-Kappillan Carlo Cortis u l-ieħor tal-Kappillan Andrea Fenech.

Patri Liberatus Cini għamel l-Ewwel Quddiesa Solenni fil-31 ta' Mejju 1949. Il-Kumitat tas-Soċjetà ma kellux il-permess meħtieġ tad-daqq, imma ma riedx li Patri Liberatu jgħaddi minn quddiem il-Każin bil-Banda Vittoria siekta u għalhekk tgħabba bir-responsabbiltà u ordna li l-Banda ddoqq fuq iz-zuntier u Patri Cini jgħaddi minn nofs il-Banda bid-daqq.

# Transform your table easily, quickly, cheaply with



FORMICA
LAMINATED PLASTIC

In under an hour you can resurface an old table with 'FORMICA' Laminated Plastic. It's a simple job if you follow the instructions and use the De La Rue Domestic Adhesive. Panels are obtainable in standard sizes and can be cut to your specification at slight extra cost. We stock a wide range of colours in 'Linette' patterns and 'Softglow' shades. **Look on each panel for this identification mark, guarantee of the finest quality. It washes off easily with soap and water.** ►

FORMICA LAMINATED PLASTIC MADE BY DE LA RUE

*Agents:*

# EMEC Ltd.

55, OLD THEATRE STREET
VALLETTA.

TELEPHONE C. 4627.


L-aħħar okkażjoni f'dawn il-ħamsin sena tal-ħajja tal-Banda Vittoria f'Quddiesa Novella kellha tkun il-Ħadd, 3 ta' Mejju 1956, meta qaddes l-Ewwel Quddiesa Solenni r-Rev. Dun Mosè Debono. Is-Soċjetà u l-iżjed il-bandisti barra l-ferħ ta' l-okkażjoni kienu wkoll kburin b'Dun Mosè għax qabel ma daħal is-Seminarju kien bandist eżemplari tal-Banda Vittoria.

Mhux għal xejn li xi bandisti qabżitilhom demgħa xhin kienu niżlin bih lejn il-Knisja bid-daqq ta' marċi ferrieħa.



F'dan ir-ritratt tidher il-Banda takkompanja lir-Rev. Mosè Debono mir-residenza tiegħu għall-Knisja fl-okkażjoni ta' l-Ewwel Quddiesa tiegħu nhar it-3 ta' Mejju 1956. (Ir-Rev. Mosè Debono qabel ma beda jistudja għal Saċerdot kien Bandist ma l-istess Banda).

## GĦAJNUNA LIL GĦAQDIET OĦRA

Is-Soċjetà Vittoria ħasbet sa mill-ewwel snin ta' ħajjitha biex tgħin opri u għaqdiet li kien jimmeritahom u dejjem, b'sagrifiċċji għaliha, aċċettat l-appelli lilha magħmula għal dan il-għan.

Fl-1916 meta l-Każin kien fi stat finanzjarju ħażin ferm u bilkemm kien jista' jżomm fuq saqajh, wieġeb b'ġenerożità, l-appell lilu mibgħut minn Mrs. Howard a benefiċċju tar-Red Cross Society. Il-Każin reġa' ħaseb għall-istess soċjetà anki fl-1944 meta biex jgħin lir-Red Cross Society għamel tombla b'risqha.

Meta sar il-monument għall-kbir benefattur ta' Malta Fra Diego fil-Pjazza tal-Ħamrun, is-Soċjetà Vittoria ma reditx tibqa' lura mill-għajnuna tagħha u għalhekk għamlet lotterija kbira biex il-flus jingħataw għat-twaqqif ta' dan il-monument.

Fl-1935 għall-okkażjoni tal-King's Silver Jubilee offriet stendard lill-Boy Scouts tal-Mellieħa biex tibqa' mfakkra din is-sena ġubilari u iżjed wara offriet lill-istess Scouts kull ma kellhom bżonn biex jagħmlu xi fiera Commander Price, District Commissioner tant ħa gost b'din il-kooperazzjoni tal-Każin Vittoria li talab lill-Kumitat biex ikun Soċju f'dan il-Każin biex ikun wieħed mis-Soċjetà. Il-Kumitat aċċetta din it-talba bil-ferħ u Commander Price sar "Soċju Onorarju" tas-Soċjetà Vittoria.



fly BEA

To:

CATANIA
NAPLES
ROME
NICE
AJACCIO
LONDON

etc. etc.

*Book through:*

MIFSUD BROTHERS LTD.

66, SOUTH STREET,

VALLETTA.

*Ticketing Agents for all Continental Rail Tickets.*

*American Express Travellers Cheques issued.*

PHONE: CENTRAL 4726 & VALETTA 3436.


## BENEFATTURI

Biex is-Soċjetà twaqqfet u mxiet 'il quddiem kellha bżonn ta' ħafna benefatturi li fl-istorja tal-Każin qatt ma naqsu. Fost dawn ngħoddu lis-Soċi, lill-Bandisti u lill-Membri tal-Kumitat. Ħafna minn dawn ilhom iservu lis-Soċjetà sa minn tfulithom u għad li llum ħafna jinsabu mgħobbija bis-snin qatt ma ċaħdu l-għajnuna.

Għal raġunijiet li wieħed jista' mill-ewwel jintebaħ bihom ma nsemmux nies li għadhom fostna; iżda nsemmu, bħala sinjal ta' rikonoxxenza u qima lil dawk li kienu magħna u issa m'għadhomx. Nibdew b'Dun Vincens Scicluna li biex jara s-Soċjetà tikber kien lest b'sagrifiċċju personali jikri d-dar tiegħu għall-Każin u hu jmur joqgħod f'dar wisq iżgħar u inqas komda.

F'Lulju ta' l-1910 xi ħbieb tal-Każin offrew is-somma ta' £4. 11s. 9d. għall-bżonnijiet tal-Każin. Ma ridux ixandru isimhom u għalhekk tniżżlu fir-reġistru bħala Soċi Benefatturi. Il-Kumitat tant apprezza l-iskop tagħhom li l-Ħadd ta' wara għamlilhom tratteniment. Dan sewa ta' eżempju għas-snin ta' wara għax sal-lum il-Każin għadu jsib benefatturi bħal dawn.

## IL-BANDALORA

Fit-8 ta' Mejju ta' l-1921 is-Segretarju ta' dak iż-żmien is-Sur Carmelo Debono kiteb ittra lis-Sur Michele Caruana, magħruf minn kulħadd bħala s-Sur Kelin, fejn stiednu biex jaċċetta li jkun Viċi President. Billi s-Sur Kelin kellu wisq għal qalbu l-Banda Vittoria aċċetta din il-kariga. Kienet tassew ittra ta' risq għax is-Sur Kelin iżjed rabat ruħu mal-Każin. Ta' kull xahar kien joffri somma ta' flus u kien dejjem lest għal dak li kien jista' jinqala'. Il-festa tal-Vitorja kienet għal qalbu wisq u biex jara l-Każin ikabbar il-festa ġie li ordna logħob tan-nar mill-Ġermanja.

Fis-sena 1926 is-Sur Kelin irregala lill-Banda bandalora mill-isbaħ li ġiet preżentata u mbierka fil-5 ta' Settembru biex tkun lesta għall-festa ta' Marija Bambina. Is-Sur Kelin baqa' kolonna tas-Soċjetà Vittoria sa ma miet fit-8 ta' Ġunju 1928.

## IL-QNIEPEN TAL-BANDA

Il-Markiż Scicluna u s-Sinjura tiegħu kienu wkoll ħbieb tas-Soċjetà Vittoria u jieħdu nteress fil-Banda. F'Settembru ta' l-1926 offrew bħala rigal lill-Banda sett qniepen il-ġmiel tagħhom. Kien sar programm tal-Banda għall-okkażjoni fejn kienu mistiedna l-Markiż u s-Sinjura tiegħu biex jisimgħu l-qniepen l-ewwel darba fil-kompożizzjonijiet "The Joyful Bells" u "Fairy Bells" tas-Surmast N. Montebello. Il-qniepen kien daqqhom l-ewwel darba s-Sur Joseph Attard.

## L-ARMI TAL-BRIERET

Fis-26 ta' April 1928 is-Sur Antonio Camilleri wieħed mill-bandisti li kien imsiefer fl-Amerika kien ħa ħsieb jiġbor somma ta' flus minn għand sħabu l-Melleħin ta' l-Amerika, biex biha jsiru l-armi tal-brieret ta' l-uniformi.

BUY

LOMBARDI

THE FAMOUS ITALIAN

SOUPS

FREE GIFTS

FOR EMPTY OUTERS

*Agents*:

ALF. MIZZI & SONS

17, Zachary Street,

Valletta.

## STENDARDI

Din ma kenitx l-ewwel darba li ħutna msiefrin ħasbu fina. Fis-sena 1923 il-Melleħin ta' Detroit kienu rregalaw Stendard Malti lis-Soċjetà u biex jibqgħu mfakkrin fi kwadru mal-ħajt jinsab isimhom.

Fis-16 ta' Awissu ta' l-1931 is-Sinjura Emmanuela Borg offriet bħala rigal Stendard tar-Reliġjon li ġie ppreżentat u mbierek waqt programm.

F'April 1934 Giuseppe Borg li kien Soċju benefattur sa mill-ewwel żmien tal-Każin offra wkoll Stendard li għall-okkażjoni kien mistieden Sir Ugo Mifsud biex jippreżentah wara li kien bierku l-Kappillan fuq iz-zuntier tal-Knisja.

Is-Soċjetà tgħodd ukoll benefatturi lil dawk l-irġiel tagħha li daqqa għal ħaġa u daqqa għal oħra ta' sikwit iħabbtu wiċċhom man-nies għall-ġbir ta' flus li mingħajrhom is-Soċjetà ma tistax tmur 'il quddiem. Ħafna mill-opri li jinsabu fil-każin bħal ma huma strumenti tal-banda, stendardi, mutur tad-dawl u oħrajn qatt ma konna ngawduhom li ma kienux nies bħal dawn li x'uħud minnhom ħadmu għas-Soċjetà għomor ta' bniedem.

## RIGALI

Biex juru l-ammirazzjoni li għandhom għas-Soċjetà 'Vittoria' ħafna ħbieb taw rigali sbieħ li wieħed jista' jarahom fil-vetrina. Barra minn rigali oħra hemm mhux inqas minn 35 tazza tal-fidda. Fuq 23 waħda minnhom hemm imnaqqax l-isem ta' min tahom. Tista' tara ismijiet minn kull klassi tas-soċjetà minn ħaddiema sa avukati u minn mara tad-dar sa ditta.

L-ewwel tazza li hi wkoll l-iżgħar ġiet mogħtija fl-1928. Tassew li kienet ta' risq għax fetħet it-triq għall-oħrajn kollha. L-iżjed tazza ixxurtjata kienet dik mogħtija min-nisa Melleħin, nhar l-Istrina ta' l-1934, għax messha x-xorti li timtela' bl-Ostji Mqaddsa nhar Ħamis ix-Xirka tas-sena l-oħra billi fil-Funzjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira, kif bdew isiru dan l-aħħar snin, in-numru ta' dawk li jitqarbnu żdied ħafna waqt li l-Parroċċa ma kellhiex Pissidijiet kbar biżżejjed u flimkien ma' oħrajn ġie li serviet biex żejnu s-Sepolkru li jintrama dak in-nhar.

Barra minn dawn it-tazzi hemm ukoll dgħajjes, żwiemel, ċentri tal-fidda kif ukoll statwetti tal-bronz.

Bħala rigali ġew mogħtija wkoll li stendardi u bandalori li semmejna f'xi okkażjoni oħra. Li stendard sabiħ li l-banda kienet qalgħet f'Noto hu miżmum f'kaxxa tal-ħġieġ fis-sala tal-kunċert u biex tibqa' mfakkra l-mawra tal-Banda f'Catania għandna bandalora sabiħa wkoll li ġiet irregalata lill-Banda mill-Municipio ta' Catania.

In-nisa Melleħin, li qatt ma baqgħu lura biex juru mħabbithom għall-Banda 'Vittoria', offrew stendard bl-arma tal-banda l-ġmiel tiegħu biex jibqa' jfakkar għeluq il-ħamsin sena tal-Banda 'Vittoria' u hekk dan l-iġded stendard bl-arma tal-Banda, simbolu ta' mħabba għall-Banda "La Vittoria" jieħu postu ma' l-eqdem stendard tas-Soċjetà, l-istendard Malti, simbolu ta' mħabba għal pajjiżna.

## COMPETITIONS FIL-KARNIVAL

Il-Banda 'Vittoria' għamlet isem ukoll bis-sehem kbir li ħadet fil-kompetizzjonijiet tal-Karnival bil-marċi grotteski sa mill-1928, meta kienet ħadet parti l-ewwel darba.

# OPERA AT HOME

**ON "HIS MASTER'S VOICE" & "COLUMBIA"**

**LONG PLAY RECORDS**

*GREATEST ARTISTS — SUPERB RECORDING — SILENT SURFACE*

| | | | |
|---|---|---|---|
| CAVALLERIA RUSTICANA | £3. | 7. | 0. |
| I PAGLIACCI | 3. | 7. | 0. |
| LA BOHEME | 3. | 15. | 0. |
| L'ELISIR D'AMORE | 3. | 15. | 0. |
| TOSCA | 3. | 15. | 0. |
| LA TRAVIATA | 3. | 15. | 0. |
| MEFISTOFELE | 3. | 15. | 0. |
| IL TROVATORE | 3. | 15. | 0. |
| I PESCATORI DI PERLE | 3. | 15. | 0. |
| LUCIA DI LAMMERMOOR | 3. | 15. | 0. |
| ITALIANA IN ALGERI | 3. | 15. | 0. |
| THE MIKADO | 3. | 15. | 0. |
| H.M.S. PINAFORE and TRIAL BY JURY | 3. | 15. | 0. |
| IL BARBIERE DI SIVIGLIA | 5. | 12. | 6. |
| CARMEN | 5. | 12. | 6. |
| OTELLO | 5. | 12. | 6. |
| RIGOLETTO | 5. | 12. | 6. |
| FIDELIO | 5. | 12. | 6. |
| CENERENTOLA | 5. | 12. | 6. |
| CAVALLERIA RUSTICANA and I PAGLIACCI | 5. | 12. | 6. |
| MADAM BUTTERFLY | 5. | 12. | 6. |
| DON GIOVANNI | 5. | 12. | 6. |
| FALSTAFF | 5. | 12. | 6. |
| UN BALLO IN MASCHERA | 5. | 12. | 6. |
| LA DAMNATION DE FAUST | 5. | 12. | 6. |
| DIE ZAUBERFLOTE | 5. | 12. | 6. |
| MANON LESCAUT | 5. | 12. | 6. |
| NORMA | 5. | 12. | 6. |
| I PURITANI | 5. | 12. | 6. |
| COSÌ FAN TUTTE | 5. | 12. | 6. |
| NOZZE DI FIGARO | 5. | 12. | 6. |
| LA FORZA DEL DESTINO | 5. | 12. | 6. |
| LOHENGRIN | 7. | 10. | 0. |
| BORIS GODOUNOV | 7. | 10. | 0. |
| MESSIAH (HANDEL) | 7. | 10. | 0. |
| FAUST | 7. | 10. | 0. |
| DON CARLO | 7. | 10. | 0. |
| THE WALKURE | 9. | 7. | 0. |
| TRISTAN UND ISOLDE | 11. | 5. | 0. |

**ANTHONY D'AMATO**

*Distributors for:*

"H.M.V." "PARLOPHONE" "COLUMBIA"
"M.G.M." "CAPITOL" "ODEON" "PATHE"
"ASSIMIL LANGUAGE" RECORDS.

**98, St. John's Street — Valletta**

(Phone: Central 4348)

"His Master's Voice"

# ANTHONY D'AMATO

**FOR ALL THAT IS BEST IN THE WORLD OF HOME ENTERTAINMENT.**


Ħadet sehem 16-il darba kif jidher hawn isfel:

*Is-sena* *Isem il-kostum.*

1928 — "Bdiewa".
1929 — "Tieġ Antik".
1930 — "Għarajjes Friski".
1931 — "Bonton Eġizzjan".
1932 — "Ġan Frusalia".
1933 — "Girasole".
1934 — "Astronomi".
1935 — "Amour Aux Champs".
1936 — "Ġnien Ingraw".
1937 — "Ali Babà".
1946 — "Merry Clowns".
1947 — "Pagliacci".
1950 — "Old Quarter Masters' Brigade".
1951 — "Għażlu Għax Sa Jispiċċaw".
1952 — "Old Mexican Pageant".
1953 — "Garden Revellers".

Il-Banda ġiet mogħtija l-ewwel premju ħames darbiet u dan meta l-Karnival kien fl-aqwa tiegħu u meta kellha tħabbatha ma' baned kbar. Dan kien fis-snin 1935, 1936, 1937, 1951 u 1953.

Surmastrijiet disinjaturi tal-kostumi kienu s-Sur Giuseppi Muscat minn Birkikrkara, u s-Sur Anthony Fenech mill-Mellieħa.



**F'dan ir-ritratt tidher il-Banda fil-Pjazza tal-Main Guard, il-Belt, bil-kostum "Ali Baba" fl-1927.**

# A LA VILLE DE LYON

## PAOLO CAMILLERI

EST. 1890.

105 - 106 ST. JOHN'S SQUARE, VALLETTA.

LARGE ASSORTMENT OF LADIES

COTTONS & SILKS

ALWAYS IN STOCK.

SELECTED FANCY WORSTED SUIT LENGTHS

TELEG. ADD. "VILLYON". PHONE: CENT. 4635

# "SULTANA GARAGE"

138 The Strand
Sliema

35 Cubrit Street
Gzira

PHONE: SLIEMA 1261

**Modern Private Buses for Hire Service.**

MODERATE CHARGES


## NIKET

Matul ħamsin sena ta' ħajjitha s-Soċjetà 'Vittoria' ma ratx biss ferħ u hena, iżda għal ħafna drabi, fil-mewt tal-membri tagħha, kellha tħabbat wiċċha man-niket.

Billi ma nistgħux insemmu s-soċi kollha li tilfet is-Soċjetà ser insemmu biss l-ewwel wieħed u l-aħħar wieħed, sakemm qegħdin niktbu, li mietu f'dawn il-ħamsin sena. Ta' l-ewwel kien is-Sur Vittorio Gauci, li miet fis-7 ta' Awissu 1907, u li għalih malbieb twaħħal l-ewwel ċoff iswed. L-ieħor kien is-Sur Salvatore Muscat, li kien ilu soċju tal-każin minn meta twaqqaf u għal ħafna snin marid fuq is-sodda kien ikun irid jaf li ismu għadu mniżżel fir-reġistru tal-każin.

L-ewwel marċi funebri li daqqet il-Banda kienu fil-funeral ta' Andrea Debono, is-sagristan, li miet fl-14 ta' Frar 1911.

Wara l-Banda ħadet sehem fil-funerali ta' dawn il-bandisti:
Mose' Bartolo, li miet fit-28 ta' Novembru 1918.
Gian Paolo Gauci, li miet fit-18 ta' Mejju 1922.
Salvatore Bartolo, li miet fil-31 ta' Marzu 1931.
Giuseppe Vella, li miet fit-8 ta' Mejju 1933.
Mikelino Fenech, li miet fis-17 ta' Ottubru 1934.
Giuseppe Fenech, li miet fl-20 ta' Frar 1942.
Salvatore Muscat, li miet fit-13 ta' Frar 1946.
Giuseppe Muscat, li miet fis-27 ta' Awissu 1952.
Antonio Gauci, li miet fl-1 ta' April 1953.
Carmelo Attard, li miet fit-18 ta' Ġunju 1954.
Antonio Camilleri, li miet fl-10 ta' Ottubru 1954.



**Fl-10 ta' Ottubru 1954 il-Banda ħadet parti fil-Funeral ta' wieħed mill-Bandisti, is-Sur Antonio Camilleri, mir-residenza tiegħu għall-Knisja.**




Membri fil-Kumitat Onorarju:

Rev. Dun Francesco Borg, li miet fil-25 ta' Diċembru 1951.
Rev. Mons. Andrea Fenech, li miet fil-11 ta' Marzu 1953.

Membri fil-Kumitat:

Giovanni Vella, li miet fis-27 ta' April 1928, u kien ilu membri fil-Kumitat mis-6 ta' Marzu 1921.

Spiridione Grima, li miet fid-9 ta' April 1947, u kien ilu membru fil-Kumitat mill-1924.

Giuseppe Attard, li miet fit-18 ta' Ġunju 1954, u kien ilu membru fil-Kumitat mill-1922.

Antonio Gerada, li miet fil-25 ta' Settembru 1955, u kien ilu membru fil-Kumitat mill-1931

Giuseppe Scerri, li miet fis-27 ta' Frar 1956, u kien ilu membru fil-Kumitat mill-1922.

Felice Caruana, li miet fis-26 ta' Mejju 1956, u kien ilu membru tal-Kumitat mill-1927-1948.

## IL-KUMITAT

**Il-Presidenti:** (1) In-Nutar Lwiġi Gauci Forno; (2) is-Sur Edoardo Frendo L.P.; (3) Dr. Tommaso Fenech LL.D.; (4) Dr. George Zammit B.A. (Lond.), LL.D.

**Viċi Presidenti:** (1) Is-Sur Mike Caruana; (2) is-Sur George Zammit B.A. (Lond.), LL.D. (qabel ma sar President); (3) Dr. Carmelo Schembri LL.D.; (4) Dr. Joseph Fenech B.A. (Hons.), LL.D.

**Segretarji:** (1) In-Nutar Lwiġi Gauci Forno (barra li kien President kien ukoll Segretarju); is-Sur Joseph Fenech; (3) is-Sur Carmelo Debono; (4) is-Sur Jos. Fenech (it-tieni darba); (5) is-Sur Salvatore Muscat; (6) is-Sur Anthony Muscat; (7) is-Sur Joseph Attard; (8) is-Sur Alfred Sultana.

**Teżorieri:** (1) Is-Sur Giovanni Vella; (2) Is-Sur Salvatore Grima; (3) is-Sur Antonio Debono; (4) is-Sur Gian Paolo Gauci; (5) is-Sur Giuseppe Cutajar u s-Sur Stefano Debono; (6) is-Sur Giuseppe Bartolo; (7) is-Sur Giuseppe Muscat; (8) is-Sur Giuseppe Debono; (9) is-Sur Joseph Buttigieg.

Il-Kumitat tal-lum:

President: Dr. George Zammit, B.A. (Lond.), LL.D.
Viċi President: Dr. Joseph Fenech, B.A. (Lond.), LL.D.
Segretarju: Is-Sur Alf. Sultana.
Asst. Segretarju: Is-Sur Joseph Debono.
Kaxxier: Is-Sur Joseph Buttigieg.
Asst. Kaxxier: Is-Sur Stefano Debono.
Direttur Spiritwali: Rev. A. Debono.

Membri: Is-Sinjuri, Michele Muscat (Arkivista), Jos. Sammut, Antonio Debono, Salvatore Abela, Angelo Abela, Angelo Bartolo, Emmanuel Vella, Spiridione Bartolo, Carm. Bartolo, Luigi Debono, Victor Caruana, John Cini, John Sammut, C. Abela.

Ta' min isemmi illi wħud minn dawn il-membri, bħal Jos. Debono, Stefano Debono, Mikele Muscat, Giuseppe Sammut u Antonio Debono ilhom jaħdmu għas-Soċjetà bħala membri fil-Kumitat għal iżjed minn tletin sena. Jos. Debono dam jokkupa l-kariga ta' Kaxxier għal 26 sena.




**DUNLOPILLO**

Is-saqqijiet u mhaded DUNLOPILLO uzati fl-ahjar Djar, Lukandi Teatri u Sptarijiet tad-dinja kollha.

*Għal tagħrif iehor irrikorru għand:*

**JOE M. GALEA**

**Dunlopillo Stores**
**114 Rue d'Argens,**
**MSIDA.**
Phone Sl. 1937.

# MIMOSA FILMS

Panchromatic, Fine grain, Anti-Halo,

Wide Exposure Latitude

Sizes: 120 - 620 - 35 m/m

AT ALL GOOD DEALERS.

Il-Kumitat Onorarju.

Presidenti Onorarji: Wisq Rev. Dun F. Xeureb (Kappillan); l-Onorabbli Dr. G. Borg Olivier LL.D., M.L.A.

Membri Onorarji: Rev. E. Grima, Rev. B. Azzopardi, Rev. V. Xuereb, Rev. J. Portelli, Rev. M. Debono, Maġistrat J. Formosa LL.D., Dr. A. Debono M.D., Dr. E. Caruana M.D., Dr. F. Pullicino M.D., Dr. T. Fenech LL.D., Dr. G. Borg Olivier LL.D., Dr. C. Schembri LL.D., Onor. Nut. E. Agius M.L.A., is-Sinjuri: J. Abela, J. La Rosa, A. Sultana, J. Stellini, A. Fenech, S. Grima, J. Fenech, V. Buttigieg, A. Vella.

## IL-BANDISTI TAL-LUM

Billi qegħdin niktbu storja ta' każin tal-banda hu xieraq li nispiċċaw il-lista ta' ismijiet billi nsemmu isem il-bandisti tal-lum li wħud minnhom bħal Joseph Attard, Joseph Fenech, Michele Muscat, Stefano Debono, Anthony Fenech, Anthony Muscat, Angelo Grima, Angelo Mifsud, Emmanuele Vella kienu ġa bandisti fl-1932, meta s-Soċjetà 'Vittoria' iċċelebrat il-Ġublew tal-Fidda tagħha u l-ewwel erbgħa li semmejna għadhom bandisti minn ta' żmien is-Surmast Ant. Micallef.

Surmast Direttur: Sur William Attard.

Bandisti: Flawt, J. Camilleri; Ottavin, F. Caruana; Kwartin, A. Frendo; Klarinett solo, J. Attard; Klarinetti, E. Debono, Ed. Debono, A. Abela, Ant. Gauci, J. Buttigieg, A. Sultana, E. Micallef, C. Cutajar, E. Vella, A. Muscat, J. Fenech, E. Muscat, J. Micallef; Kurunetta solo, J. Fenech; Kurunetti, M. Muscat, E. Borg, L. Debono, M. Sammut, P. Muscat, E. Fenech, C. Deguara; Trumbun solo, A. Muscat; Baritonu solo, S. Grima, A. Deguara; Ewfonju solo, V. Caruana; Ewfonju, J. Vella; Saxophone tenur, E. Vella; Saxophone alti, J. Vella, S. Debono; Saxi, J. Caruana, F. Micallef, G.M. Cutajar; Trumbun, S. Debono; Baxxi, A. Mifsud, A. Grima, J. Micallef; Katuba u Platti, A. Fenech; Tamborlini, S. Gauci, J. Muscat.

## GĦELUQ

Għaddew ħamsin sena mit-twelid tas-Soċjetà. L-ewwel strumenti li tant ferħu bihom tmermru u spiċċaw; dawk li tant ħabirku għat-twaqqif tagħha mietu jew xjieħu u minn dak iż-żmien sal-lum tbiddel kollox. Ħaġa waħda ma tbiddlitx u għadha sabiħa u qawwija bħal ma kienet — l-isem ħelu, nobbli u sabiħ tagħha — "La Vittoria". Isem li s-Soċjetà ħalfet li żżomm għal dejjem onorat u kif aħna wiritnih minn għand l-għeżież missirijietna hekk ta' warajna jirtuh minn għandna.

Nispiċċaw bl-innu ta' tifħir lill-Verġni Bambina li magħha l-Banda 'La Vittoria' hi marbuta b'isimha:

## IL-KUMITAT TAL-FESTI ĊINKWANTENARJI

Il-membri tal-Kumitat inkarigat mill-Festi Ċinkwantenarji huma dawn:— Is-Sur A. Muscat, Segretarju; is-Sur F. Caruana, Kaxxier; is-Sinjuri A. Bartolo, J. Sammut u A. Sultana, Rappreżentanti tal-Kumitat tas-Soċjetà; is-Sinjuri A. Attard, J. Debono, C. Cutajar, J. Xerri, J. Muscat, A. Fenech, J. Deguara, Membri.

Il-Kumitat tal-Każin tal-Banda "La Vittoria" jixtieq li l-membri, il-familji tagħhom u ħbiebhom jiċċelebraw kif jixraq il-festa tal-ħamsin sena mit-twaqqif tal-għaqda tagħna.

Il-Kumitat jixtieq jirringrazzja wkoll lil dawk kollha li tawna l-għajnuna biex niktbu l-istorja tas-Soċjetà tagħna f'dawn il-ħamsin sena u lil dawk kollha li ikkooperaw magħna biex inkunu f'pożizzjoni li nippubblikaw dan il-ktieb.

**VIVA DEJJEM "LA VITTORIA".**

NORWICH  UNION

FIRE INSURANCE SOCIETY LIMITED

*Agents for Malta*

**ARVA COMPANY**

166, STRAIT STREET — VALLETTA.

Phone Vall. 3219.


## *Nitgħallmu mill-Esperti.*

**X'Jgħejdu l-Esperti tal-Moda u Nies Mgħarufa kontra Nisa li ma jilbsux Kalzetti tan-Nylon.**

ANTONIO :—
Mara bla kalzetti nylon tixbah fjur bla rieħa.

ARMANDO BIASINI :—
Mara bla kalzetti nylon qiesa dar sabieħa mingħajr mobbli.

LAJOS CZEIZLER :—
Mara bla kalzetti nylon tixbah qwadru bla gwarnić.

BURT LANCASTER :—
Jien ma naqbilx ma dawk in-nisa li joħorġu bla kalzetti nylon. Skond il fehma tiegħi il kalzetti nylon jaħbu id-difetti u juru il ġmiel.

ITALO TERZIOLI :—
Il-mara u 'l kalzetti nylon huma hekk inseparabbli daqs kemm il-jum mil-lejl.

BRUNETTA :—
L-isbah kalzetti nylon joħolku l-isbah riġlejn.

## INNU LILL-BAMBINA

Jum twelidek, o Marija,
Ifakkarna ferħanin
F'jum ir-rebħa ta' nisilna
Fuq il-kiefra Misilmin;

Xemx li tiddi fuq ix-exfaq
Inti rbaħt id-dlamijiet;
Xejn ma sewa l-qerq tal-għadu
Li ried jaħkem is-smewwiet.

Fost il-ferħ ta' qlub mixgħula
Insellmulek, o Marija,
F'dan il-jum li rak titbissem
Mis-smewwiet ċkejkna tarbija;

Bint u omm ta' min ħalaqna,
Warda safja minn kull ħtija.

Bħal għasfur li mingħajr ġwienaħ
Bogħod mill-art jixtieq itir,
Hekk, mingħajr il-ħlewwa t'ismek,
O Marija talbna jsir.

Dak li Eva tilfitilna
Int, b'imħabbtek ġibt mill-ġdid:
Minn irsiera għailtna wliedek
U werrieta ta' kull ġid.

Fost il-ferħ, eċċ.

Għaldaqstant missirijietna
Lilek għajtu f'jum il-hemm
Meta l-mewt triqatna dallmet
U minn swarna far id-demm;

Lilek għajtu u Inti smajthom:
L-għadu trażżan fost il-krib,
Fuq is-swar imġarrfa u hienja
Baqa' jsaltan is-Salib.

Fost il-ferħ, eċċ.

Sliem għalik o bieb tal-Ġenna,
Inti t-triq ta' kull mistrieħ:
L-ebda qima mingħajr ismek,
Mingħajr ġmielek, l-ebda ġieħ;

U kif darba fuq l-għedewwa
Tajtna rebħ li ma jmut qatt,
Hekk il-lum ħarisna, u 'l-artna
Ma jifridha minnek ħadd.

Fost il-ferħ, eċċ.

Versi ta' l-Avukat George Zammit B.A. (Lond.), LL.D.

Mużika tas-Surmast William Attard.

L-ahjar bl-orhos prezz!!
Ixtru Karozzi u Vans

Sbieh, ekonomici, ta' sahha u maghrufin
ghaiiex utili ghall kull bzonn.
L-izjed li taraw fit-toroq.

**GASAN ENTERPRISES LIMITED**

20, KINGSWAY—VALLETTA
GARAGE: RUE D'ARGENS—GZIRA.

Tel. Central 5343 — Sliema 300.

**NECCHI**
**supernova**

**the enchanted sewing machine**

The Necchi Supernova is the only sewing machine in the world that can make buttonholes *automatically*, without turning the material. It does all sorts of sewing jobs easily and swiftly, while you sit and watch



VITTORIO NECCHI s.p.a. PAVIA (ITALY)
DISTRIBUTORS:

*Agenti:* KIND Ta' Kingsway.


## LILL-BANDA "LA VITTORIA" FIL-ĠUBLEW TAD-DEHEB

Sew ħamsin sena, Banda La Vittoria,
Għaddew minn fuqek minn meta twelidt;
Sew ħamsin sena minn meta sabiħa
Dhert fi triqatna u ferħ kbir xerridt.

Bil-wisq maħbuba meta kont tarbija
Lejk int kont tiġbed żgħażagħ, tfal u xjuħ,
B'leħneb tant ħlejju, b'dik l-arti ta' l-anġli
Ħsibijiet nobbli tkebbsilhom fir-ruħ.

Int komplejt tikber u sirt tfajla ġmielek,
Bdejt tkun mistiedna fl-irħula w fl-ibliet,
Sirt ferm magħrufa u wisq applawdita
Għall-mużka klassika w għall-marċijiet.

Meta żagħżugħa, tkompli tkabbar ġiehek:
Suċċessi tikseb sbieħ minn barra l-Gżira,
Jissaħħar sal-barrani, li joffrilek
Rigali ħelwa, rahan ta' ħiltek kbira.

Il-lum, għalkemm tiegħ'k huma ħamsin sena,
Għadek żagħżugħa mimlija bil-ħajja;
Bħal qabel għadha s-sejħa tiegħ'k qawwija,
Bħal qabel għadna inweġbuk bil-qtajja'.

U għalenija tfal u xjuħ u żgħażagħ
Li fik naraw minn ta' pajjiżna l-glorja,
F'dan il-Ġublew nifirħu lkoll, qalb waħda,
U "Viva" ngħajtu "il-Banda La Vittoria".

G. BARTOLO, B.A.

# L-IMNARJA U L-LOTTERIJA

## X'TAGĦŻEL L-IŻJED?

Tgħix kif tista' bil-ġurnata?
U kultant bid-dejn u s-self?
Jew kuntent, rasek mistrieħa?
F'butek ħamsa u tletin elf?

Din ta' l-aħħar żgur li tagħżel!
Iżda mnejn se jiġu l-flus?
Taqta' qalbek iġġemmagħhom
Sitta sitta fil-karus!

Hemm triq waħda biex tistagħna
Mingħajr ebda frattarija:
Oħroġ biss nofs lira darba:
Ħu biljett tal-LOTTERIJA

Lotterija kbira ġmielha
Din tal-Gvern, u m'għandekx telf!
Forsi l-għada ta' l-Imnarja
TIRBAĦ ĦAMSA U TLETIN ELF!

## INNU LA VITTORIA

Versi ta' C. Debono.

Mużika tas-Surmast W. Attard.

Viva l-Banda La Vittoria
Vera Banda Melleħija
Lilha tixraq kbira glorja
Lilha tixraq kull foħrija.

Hija kisbet kbar unuri
Ħaddnet fqar u kbar sinjuri
Dejjem għaqal kbir uriet
Fil-kampanji u ġo l-ibliet.

Bħal suldati bħal qalbiena
Int ilqajtna ġo dirgħajk
Aħna niġu għal warajk
B'ħilitna kollha napplawduk.

Viva dejjem La Vittoria
Dina tkun l-għajta minn tagħna
Meta l-għadu jersaq magħna
Lilu nirbħu b'forza żgur.




THE MEDITERRANEAN & BRITISH

IMPORT & EXPORT CO. LTD.

229, St. Pauls Street,

VALLETTA - MALTA

## LILL-BANDA "LA VITTORIA"

Innu ta' Tifħir lill-Banda 'La Vittoria' f'egħluq il-ħamsin sena ta' ħajjitha

Kienet għadha kif titwaqqaf
Tal-Mellieħa l-Knisja l-kbira
Meta twieldet l-Għaqda tagħna
Ġieh tar-raħal u tal-Gżira.

Ħamsin sena ħajja w ħidma
F'Malta u barra tawna glorja;
Għalhekk b'qalb mimlija ngħajtu
"Viva l-Banda La Vittorja".

Imkabbrin naraw quddiemna
L-Għar Imqaddes ta' Marija
L-ewwel Maqdes li rat Malta
Mindu saret Nisranija.

F'dan il-Għar missirijietna
Xerrdu dmugħ u qalgħu glorja;
F'dan il-Għar inxteghlet xrara
Li mbagħad ħeġġet fil-Vittorja.

Taħt id-dell tal-Knisja l-Kbira
Darna kibret f'dell is-Sewwa
Ħadna l-isem li jfakkarna
F'jum ir-Rebħa fuq l-għedewwa.

Bandieritna lewn is-sema
F'isem Ommna sfat rebbieħa,
U fejn perpret kisbet dejjem
Ġieh għall-Poplu tal-Mellieħa.

Versi ta' Dr. George Zammit B.A. (Lond.), LL.D.

Mużika tas-Surmast William Attard.

THIS LUXURY

G.E.C.

REFRIGERATOR

AS DEMONSTRATED BY

MARY DALE

COSTS NO MORE THAN

6d. PER DAY



TO RUN ON THE NEW 50 CYCLES-AC SUPPLY

Operated by the Famous G.E.C. SILENT

SEALED SYSTEM

GUARANTEED 5 YEARS

your existing paraffin or gas operated Refrigerator can be converted to run on the new 50 cycles-AC supply with the same SILENT SEALED SYSTEM giving you

EXCEPTIONALLY LOW RUNNING COST

(Not more than 6d per day).

E.M.E.C. Ltd, 55 Old Theatre Street

VALLETTA — Tel. C. 4627

Representing The GENERAL ELECTRIC Co. Ltd. of England.

# PROGRAMM

## TAL-FESTI LI SEJRIN ISIRU F'GĦELUQ IL-ĦAMSIN SENA

## TAL-KAŻIN TAL-BANDA "LA VITTORIA" — MELLIEĦA

**Miś-Sibt, 1 ta' Ġunju, sat-Tnejn, 10 ta' Ġunju 1957.**

**Is-Sibt, 1 ta' Ġunju:**

Fil-5.00 p.m. — Qrar fil-Każin.

Fis-7.00 p.m. — Konferenza Reliġjuża mill-President tas-Soċjetà, Dr. George Zammit, B.A. (Lond.), LL.D., bi preparazzjoni għall-Konsagrazzjoni tas-Soċjetà lill-Qalb Imqaddsa ta' Marija u tiġdid tal-Konsagrazzjoni tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù.

**Il-Ħadd, 2 ta' Ġunju:**

Fis-6.30 a.m. — Quddiesa bit-Tqarbina Ġenerali fil-Każin, mid-Direttur Spiritwali tas-Soċjetà, il-Wisq Rev. Dun Ant. Debono.

Fl-10.00 a.m. — Konsagrazzjoni tas-Soċjetà lill-Qalb Imqaddsa ta' Marija u tiġdid tal-Konsagrazzjoni tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù mill-E T.. Mons. E. Galea, D.D., B.Litt., B.L.Can., J.C.D. (Greg.), O.S.J., Isqof Titulari ta' Tralles assistit mill-Kappillan tal-Parroċċa u mid-Direttur Spiritwali tas-Soċjetà flimkien mal-Kleru tal-Mellieħa.

Fil-5.00 p.m. — Marċ u Programm mill-Banda "La Vittoria" diretta mis-Surmast V. Ciappara.

**It-Tnejn, 3 ta' Ġunju:**

Fit-8.00 p.m. — Programm mill-"Malta Accordion Association" diretta minn Mro. C. Abela.

**It-Tlieta, 4 ta' Ġunju:**

Fit-8.00 p.m. — Programm mill-Orkestra "Harmonica Pinto Qormi". Fiha jieħdu sehem il-Mandolinisti tal-Ħamrun. Diretti minn Mro. F. Formosa.

**L-Erbgħa, 5 ta' Ġunju:**

Fis-7.00 p.m. — Programm vokali u orkestrali mill-Orkestra "Isouard" taħt id-direzzjoni ta' Mro. C. Pace, F.L.C.M., L.B.S.M., (Fiha jieħdu sehem 70 persuna).

**Il-Ġimgħa, 7 ta' Ġunju:**

Fit-8.00 p.m. — Marċ "Alla Veneziana" mill-Banda "La Vittoria" mat-toroq prinċipali tar-raħal.

Derby
SHIRTS
FOR WEAR & STYLE

**Is-Sibt, 8 ta' Ġunju:**

Fl-4.00 p.m. — Trattament lit-tfal.

Fit-8.00 p.m. — Marċ u programm mill-Banda "St. Joseph", tal-Ħamrun, diretta minn Mro. A. Dalli, A.Mus.L.C.M.

Fl-10.30 Logħob tan-nar minn George Debattista (Qormi).

**Il-Ħadd, 9 ta' Ġunju:**

Fid-9.00 a.m. — Quddiesa Solenni ċelebrata mill-Wisq Rev. Kappillan tal-Parroċċa, Dun Franġisk Xuereb, assistit mir-Rev. Saċ. A. Debono (Direttur Spiritwali tas-Soċjetà) u mir-Rev. Saċ. M. Debono. Il-Mużika tkun taħt id-direzzjoni tas-Surmast G. Camilleri, Maestro di Cappella. Wara "Te Deum" ta' ringrazzja-ment.

Fl-4.30 p.m. — Marċ mill-Banda Nazzjonali "La Valette".

Fil-5.45 p.m. — Jasal l-E. T. Mons. Sir M. Gonzi, K.B.E., Baliff. S.M.O.M., LL.D. (Hon.), D.D., B.Litt., B.L.Can., J.C.D. (Greg.), Arċisqof ta' Malta, Assistent għat-Tron tal-Qdusija Tiegħu l-Papa, Metropolita tal-Provinċja Maltija.

Fil-5.50 p.m. — Jasal l-E. T. Sir Robert E. Laycock, K.C.M.G., C.B., D.S.O., Gvernatur u Kap Kmandant ta' Malta.

Fil-5.55 p.m. — a) Qari ta' Indirizz mill-President Dr. G. Zammit B.A. (Lond.), LL.D.
b) Kxif ta' Lapida kommemorattiva mill-E. T. il-Gvernatur.
ċ) Tberik tal-lapida, mill-E. T. Mons. Arċisqof.

Fis-6.00 p.m. — Programm Vokali u Strumentali mill-Banda "La Vittoria", taħt it-tmexxija ta' Mro. V. Ciappara. Jieħdu sehem il-Kor tal-Ħamrun, immexxi minn Dun Ġużepp Cachia, is-Sopran Hilda Tabone, it-Tenur Joe Harrison u l-Baxx Piju Zammit.

Dan il-Programm jinstama' fis-1.00 p.m. minn fuq ir-Rediffusion.

Fis-7.30 p.m. — Programm mill-Banda Nazzjonali "La Valette", diretta minn Mro. G. Camilleri.

Fl-10.30 p.m — Logħob tan-nar minn George Debattista (Qormi). Id-dekorazzjonijiet, xogħol ta' Ant. Fenech, Surmast ta' l-Arti.

**It-Tnejn, 10 ta' Ġunju:**

Fil-5.30 a.m. — Quddiesa Kantata de Requie b'suffraġju tal-membri mejtin tas-Soċjetà.

IL-KUMITAT TAL-FESTI.

**VIVA L-BANDA "LA VITTORIA"**

## THE Kenwood ELECTRIC CHEF

*will take all the drudgery from your food-preparing*




*Here are the attachments provided with the Chef:-*




*Agents:* **E M E C Ltd.**

55, OLD THEATRE STREET,

VALLETTA.

TELEPHONE C. 4627

# B. TAGLIAFERRO & SONS

EST. 1812

VALLETTA - MALTA

BANKERS

Banking transactions executed.

Correspondents in all major cities of the World.